BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

# Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Statut tas-SEBĊ u tal-BĊE

Regoli ta’ proċedura

Kumitat tal-etika

Implimentazzjoni tas-separazzjoni

Ġunju 2015



# Werrej


**Daħla** **2**

**L-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE** **3**

**Ir-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE** **24**

**Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE** **45**

**Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE** **48**

**Deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' Kumitat ta' Etika** **53**

**Regoli ta' Proċedura tal-Bord Superviżorju** **56**

**Deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni tas-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-funzjonijiet superviżorji tal-BĊE** **61**

# Daħla



Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew huma pedament tal-qafas legali tiegħu u jkomplu jipprovdu bażi stabbli għall-operat tiegħu: bażi li fil-parti l-kbira tagħha baqgħet ma nbidlitx minkejja l-provi fis-snin riċenti. Dan il-ktejjeb, li ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'Ottubru 2004, u ppubblikat mill-ġdid l-aħħar f'Novembru 2012, issa ġie aġġornat biex jirrifletti kemm emendi riċenti għar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE biex jittieħed inkunsiderazzjoni t-twaqqif Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bħala s-sistema ġdida ta' superviżjoni bankarja għall-Ewropa, u t-twaqqif ta' kumitat ta' etika tal-BĊE.

Nittamaw illi l-qarrejja jkomplu jsibu dan il-ktejjeb bħala għodda ta' referenza utli li tappoġġahom kemm fil-ħidma kif ukoll fl-istudji tagħhom.

Frankfurt am Main, Ġunju 2015



Yves Mersch

Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE

# PROTOKOLL (Nru 4)

# DWAR L-ISTATUTI TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI U TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA

BILLI JIXTIEQU li jgħaddu l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew kif hemm previst fl-Artikolu 129(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea,

QABLU dwar id-dispożizzjonijet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea:

## KAPITOLU 1

## SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

### *Artikolu 1*

### Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

Skond l-Artikolu 282(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali għandhom jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Il-BĊE flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkostitwixxu l-Eurosistema.

Is-SEBĊ u l-BĊE għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom u jwettqu l-attivitajiet tagħhom skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u ta' dan l-Istatut.

## KAPITOLU II

## L-GĦANIJIET U L-KOMPITI TAS-SEBĊ

### *Artikolu 2*

### Għanijiet

Skond l-Artikoli 127(1) u 282(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-mira ewlenija ta' l-SEBĊ għandha tkun li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-mira ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet, għandha wkoll tagħti appoġġ lil-linji politiċi ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bil-ħsieb li tgħin sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni kif indikati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-SEBĊ għandha taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, u tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji indikati fl-Artikolu 119 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

**Kompiti**

3.1. Skond l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-ħidma fondamentali li għandha ssir permezz tas-SEBĊ hija:

— li tiddefinixxi u timplementa l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

— li tmexxi l-operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 219 ta' dak it-Trattat;

— li żżomm in depożitu u tamministra r-riservi barranin uffiċjali ta' l-Istati Membri;

— li tippromwovi l-funzjonament regolari tas-sistemi tal-pagamenti.

3.2. Skond l-Artikolu 127(3) tat-Trattat imsemmi, it-tielet subinċiż ta' l-Artikolu 3.1 ma jippreġudikax id-dritt ta' Stati Membri li jżommu in depożitu u jamministraw il-bilanċi operattivi fil-kambju internazzjonali.

3.3. Skond l-Artikolu 127(5) tat-Trattat imsemmi, is-SEBĊ għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija tmexxija tajba ta' linji politiċi segwiti mill-awtoritajiet kompetenti f'dak li jirrigwarda is-sorveljanza prudenzjali li tkun marbuta mas-sorveljanza għaqlija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

*Artikolu 4*

**Funzjonijiet konsultattivi**

Skond l-Artikolu 127(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea:

(a) il-BĊE għandu jiġi konsultat:

  — dwar kull att ta' l-Unjoni propost fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu;

  — mill-awtoritajiet nazzjonali dwar kull dispożizzjoni leġislattiva abbozzata fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, imma fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura indikata fl-Artikolu 41;

(b) il-BĊE jista' jippreżenta l-opinjonijiet tiegħu lill-istituzzjonijiet, korpi u organi ta' l-Unjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali dwar ħwejjeġ li jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.

*Artikolu 5*

**Ġbir ta' informazzjoni statistika**

5.1. Sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tas-SEBĊ, il-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali, għandu jiġbor l-informazzjoni statistika meħtieġa jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand operaturi ekonomiċi. Għal dan l-għan għandu jikkopera ma' l-istituzzjonijiet, korpi u organi ta' l-Unjoni u ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

5.2. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom iwettqu, sa fejn ikunu jistgħu, il-kompiti deskritti fl-Artikolu 5.1.

5.3. Il-BĊE għandu jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni, fejn ikun jinħtieġ, tar-regoli u tal-prattika tal-ġbir, il-kompilazzjoni u t-tqassim ta' l-istatistika fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.

5.4. Il-Kunsill, skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 41, għandu jiddefinixxi l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom l-obbligu li jirrapportaw, ir-regoli ta' kunfidenzjalitaà u d-dispożizzjonijiet adattati sabiex jinforza l-konformità.

## *Artikolu 6*

### Il-koperazzjoni internazzjonali

6.1. Fil-qasam tal-koperazzjoni internazzjonali li tinvolvi l-kompiti fdati f'idejn is-SEBĊ, l-BĊE għandu jiddeciedi kif għandha tkun irrappreżentata s-SEBĊ.

6.2. Il-BĊE u, bl-approvazzjoni tiegħu, il-banek ċentrali nazzjonali, jistgħu jipparteċipaw f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali.

6.3. L-Artikoli 6.1 u 6.2 ma jippreġudikawx l-Artikolu 138 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU III

# L-ORGANIZZAZZJONI TAS-SEBĊ

## *Artikolu 7*

### L-indipendenza

Skond l-Artikolu 130 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, meta jeżerċitaw il-poteri u jwettqu l-kompiti u jaqdu d-dmirijiet fdati f'idejhom bit-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea u b'dan l-Istatut, la l-BĊE, la xi bank ċentrali nazzjonali, u lanqas xi membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom, ma għandu jitlob jew jaċċetta istruzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi ta' l-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jintrabtu li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jippruvawx jinfluwenzaw lill-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE jew tal-banek ċentrali nazzjonali, fil-qadi ta' dmirijiethom.

## *Artikolu 8*

### Prinċipju ġenerali

Is-SEBĊ tkun regolata mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet.

*Artikolu 9*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

9.1. Il-BĊE li, skond l-Artikolu 282(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, għandu jkollu personalità ġuridika, għandu jgawdi f'kull Stat Membru l-estensjoni kollha ta' kapaċità legali l-aktar pożizzjoni legali estensiva li soltu mogħtija bil-liġi lill-persuni ġuridiċi; jista', b'mod partikolari, jakkwista proprjeta mobbli jew immobbli jew jiddisponi minnha, u jista' ikun parti fi proċeduri legali.

9.2. Il-BĊE għandha tiżgura li l-kompiti mogħtija lis-SEBĊ taħt l-Artikolu 127(2), (3) u (5) tat-Trattat imsemmi jitwettqu bl-attivitajiet tiegħu stess, konformement ma' dan l-Istatut, jew permezz tal-banek ċentrali nazzjonali konformement ma' l-Artikoli 12.1 u 14.

9.3. Skond l-Artikolu 129(1) tat-Trattat imsemmi, il-korpi deċiżjonali tal-BĊE li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom ikunu l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv.

*Artikolu 10*

**Il-Kunsill Regolatorju**

10.1. Skond l-Artikolu 283(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Regolatorju għandu jiġbor fih il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u l-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

10.2. Kull membru tal-Kunsill Regolatorju għandu jkollu vot wieħed. Mid-data li fiha n-numru ta' membri tal-Kunsill Regolatorju jeċċedi l-21, kull membru tal-Kunsill Regolatorju għandu jkollu vot wieħed u n-numru ta' gvernaturi bid-dritt tal-vot għandu jkun 15. Dawn id-drittijiet tal-vot ta' l-aħħar għandhom ikunu assenjati u għandhom iduru kif ġej:

— mid-data li fiha n-numru ta' gvernaturi jeċċedi l-15, sakemm jilħaq 22, il-gvernaturi għandhom ikunu allokati għal żewġ gruppi, skond l-ikklassifikar tad-daqs ta' sehem ta' l-Istat Membru tal-bank ċentrali nazzjonali fil-prodott domestiku gross komplessiv bi prezzijiet tas-suq u fit-total komplessiv tal-*balance sheet* ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. L-ishma fil-prodott domestiku gross komplessiv bil-prezzijiet tas-suq u fit-total komplessiv tal-balance sheet ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji għandhom ikunu assenjati l-piżijiet ta' 5/6 u 1/6 rispettivament. L-ewwel grupp għandu jkun kompost minn ħames gvernaturi u t-tieni grupp mill-gvernaturi li jkun fadal. Il-frekwenza tad-drittijiet tal-vot tal-gvernaturi allokati għall-ewwel grupp m'għandux ikun anqas mill-frekwenza tad-drittijiet tal-vot ta' dawk tat-tieni grupp. Mingħajr preġudizzju għas-sentenza preċedenti, l-ewwel grupp għandu jkun assenjat erba' drittijiet tal-vot u t-tieni grupp ħdax il-dritt tal-vot;

— mid-data li fiha n-numru ta' gvernaturi jilħaq 22, il-gvernaturi għandhom ikun allokati lil tlett gruppi skond klassifikazzjoni bbażata fuq il-kriterji t'hawn fuq. L-ewwel grupp għandu jkun kompost minn ħames gvernaturi u għandu jkun assenjat b'erba' drittijiet tal-vot. It-tieni grupp għandu jkun kompost minn nofs in-numru totali ta' gvernaturi, b'kull frazzjoni miżjuda sa' l-eqreb numru sħiħ, u għandu jkun assenjat tmien drittijiet tal-vot. It-tielet grupp għandu jkun kompost mill-bqija tal-gvernaturi u għandu jkun assenjat tlett drittijiet tal-vot;

— f'kull grupp, il-gvernaturi għandhom ikollhom id-drittijiet tal-vot tagħhom għal ammonti ta' żmien ugwali;

— għall-kalkolazzjoni ta' l-ishma fil-prodott gross domestika komplessiv bil-prezzijiet tas-suq għandu japplika l-Artikolu 29.2. It-total komplessiv tal-*balance sheet* ta' l-istituzzjonijiet finazjarju monetarji għandu jkun kalkolat skond il-qafas ta' l-istatistika li japplika fl-Unjoni Ewropea fil-ħin tal-kalkolazzjoni;

— kull meta l-prodott domestiku gross komplessiv bil-prezzijiet tas-suq ikun aġġustat skond l-Artikolu 29.3, jew kull meta n-numru ta' gvernaturi jiżdied, id-daqs u/jew il-kompożizzjoni tal-gruppi għandu jkun aġġustat skond il-prinċipji msemmija hawn fuq;

— il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, bid-dritt tal-vot jew mingħajr id-dritt tal-vot, għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-prinċipji msemmija hawn fuq u jista' jiddeċiedi li jipposponi l-bidu tas-sistema ta' rotazzjoni sad-data li fiha n-numru ta' gvernaturi jeċċedi 18.

Id-dritt tal-vot għandu jiġi eżerċitat personalment. B'deroga minn din ir-regola, ir-Regoli ta' Proċedura msemmija fl-Artikolu 12.3 jistgħu jistabbilixxu li membri tal-Kunsill Regolatorju jistgħu jitfgħu l-vot tagħhom permezz ta' *teleconferencing*. Dawn ir-regoli għandu jipprovdu wkoll li membru tal-Kunsill Regolatorju li ma jkunx jista' jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju għall-perjodu twil jista' jaħtar sostitut bħala membru tal-Kunsill Regolatorju.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-vot tal-membri kollha tal-Kunsill Regolatorju, bid-dritt tal-vot jew mingħajru, skond l-Artikoli 10.3, 40.2, u 40.3.

Ħlief kif provdut f'dan l-Istatut, il-Kunsill Regolatorju għandu jaġixxi b'maġġornaza sempliċi tal-membri li għandhom d-dritt tal-vot. F'każ ta' riżultat b'voti ndaqs, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

Sabiex il-Kunsill Regolatorju jkun jista' jivvota, irid ikun hemm kworum ta' żewġ terzi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, il-President jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja li matulha deċiżjonijiet jittieħdu mingħajr konsiderazzjoni għall-kworum.

10.3. Sabiex jittieħdu xi deċiżjonijiet skond l-Artikoli 28, 29, 30, 32 u 33, il-voti fil-Kunsill Regolatorju għandhom jiġu peżati skond kemm ikollhom ishma l-banek ċentrali nazzjonali fil-kapital sottoskritt tal-BĊE. Il-piż tal-voti tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun zero. Deċiżjoni li teħtieg maġġoranza kkwalifikata għandha titqies li ttieħdet jekk il-voti favur ikunu jirrappreżentaw mill-anqas żewġ terzi tal-kapital sottoskritt tal-BĊE u jirrappreżentaw mill-anqas nofs ta' l-azzjonisti. Jekk Gvernatur ma jkunx jista' jattendi, ikun jista' jinnomina persuna oħra sabiex tagħti il-vot peżat minfloku.

10.4. Il-proċeduri tal-laqgħat ikunu kunfidenzjali. Il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

10.5. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiltaqa' mill-anqas għaxar darbiet fis-sena.

*Artikolu 11*

**Il-Bord Eżekuttiv**

11.1. Skond l-Artikolu 283(2) l-ewwel subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Bord Eżekuttiv ikun magħmul minn President, Viċi-President u erba' membri oħra.

Il-membri jiddedikaw irwieħhom esklussivament għal dmirjiethom. L-ebda membru ma jista' jimpenja ruħu f'xi impjieg ieħor, sew bi ħlas sew jekk le, sakemm ma tkunx ingħatat eċċezzjonalment eżenzjoni mill-Kunsill Regolatorju.

11.2. Skond l-Artikolu 283(2) it-tieni subparagrafu ta tat-Trattat imsemmi, il-President, il-Viċi-President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u ta' esperjenza professjonali f'materji monetarji jew bankarji mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill wara li jkun ġie kkonsultat il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Regolatorju.

Il-ħatra tagħhom tkun għal tmien snin u ma tistax tiġġedded.

Persuni li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' l-Istati Membri biss jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv.

11.3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tal-membri tal-Bord Eżekuttiv, u b'mod partikolari s-salarji, il-pensjonijiet u benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali, isiru b'kuntratt mal-BĊE u jiġu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju fuq il-proposta ta' Kumitat li jkun fih tliet membri maħtura mill-Kunsill Regolatorju u tliet membri maħtura mill-Kunsill. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv ma jkollhomx id-dritt jivvotaw fuq kwistjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

11.4. Jekk membru tal-Bord Eżekuttiv ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew inkella kien ħati ta' mġieba serjament ħażina, il-Qorti tal-Ġustizzja, tista', wara rikors tal-Kunsill Regolatorju jew tal-Bord Eżekuttiv, iġġiegħlu jirtira.

11.5. Kull membru tal-Bord Eżekuttiv li jkun preżenti personalment ikollu d-dritt jivvota u jkollu għal dan l-għan, vot wieħed. Salv kif provdut xort' oħra, il-Bord Eżekuttiv jaġixxi b'maġġoranza sempliċi tal-voti. Jekk il-voti jirriżultaw indaqs, il-President ikollu l-vot deċisiv. L-arranġamenti għall-votazzjoni jkunu indikati fir-Regoli ta' Proċedura msemmija fl-Artikolu 12.3.

11.6. Il-Bord Eżekuttiv ikun responsabbli għall-amministrazzjoni kurrenti tal-BĊE.

11.7. Kull post vakanti fil-Bord Eżekuttiv għandu jimtela bil-ħatra ta' membru ġdid skond l-Artikolu 11.2.

*Artikolu 12*

**Responsabbiltajiet tal-korpi deċiżjonali**

12.1. Il-Kunsill Regolatorju għandu jadotta l-linji direttivi u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa sabiex jiżgura t-twettiq tal-kompiti fdati f'idejn is-SEBĊ mit-Trattati u dan l-Istatut. Il-Kunsill Regolatorju għandu jifformula l-politika monetarja ta' l-Unjoni li tinkludi, kif xieraq, deċiżjonijiet marbutin ma' skopijiet monetarji intermedji, rati indikattivi ta' imgħax u l-fornitura ta' riservi fis-SEBĊ, u għandu jistabbilixxi d-direttivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-Bord Eżekuttiv għandu jimplimenta l-politika monetarja skond il-linji direttivi stabbiliti u d-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill Regolatorju. Waqt li jagħmel dan, il-Bord Eżekuttiv għandu jagħti l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-banek ċentrali nazzjonali. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv jista' jkollu xi poteri delegati lilu meta l-Kunsill Regolatorju hekk jiddeċiedi.

Sa fejn huwa meqjus possibbli u xieraq, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-BĊE għandu jirrikorri għand il-banek ċentrali nazzjonali sabiex iwettaq operazzjonijiet li jagħmlu parti mill-ħidmiet tas-SEBĊ.

12.2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu r-responsabbiltà li jipprepara laqgħat tal-Kunsill Regolatorju.

12.3. Il-Kunsill Regolatorju għandu jadotta Regoli ta' Proċedura li jistabbilixxu l-organizzazzjoni interna tal-BĊE u tal-korpi deċiżjonali tagħha.

12.4. Il-Kunsill Regolatorju għandu jeżerċita l-funzjonijiet ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 4.

12.5. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu d-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 6.

*Artikolu 13*

**Il-President**

13.1. Il-President jew, fl-assenza tiegħu, il-Viċi-President jippresiedi l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

13.2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38, il-President jew il-persuna nominata minnu, għandu jirrappreżenta lill-BĊE esternament.

*Artikolu 14*

**Banek ċentrali nazzjonali**

14.1. Skond l-Artikolu 131 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, ikunu kompatibbli mat-Trattati u ma' dan l-Istatut.

14.2. L-istatuti tal-banek ċentrali nazzjonali għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu li ż-żmien tal-kariga ta' Gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ma jkunx inqas minn ħames snin.

Gvernatur jista' jitneħħa mill-inkarigu tiegħu biss jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew inkella jekk ikun ħati ta' mġieba serjament ħażina. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi riferita lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gvernatur involut jew mill-Kunsill Regolatorju, bħala ksur tat-Trattati jew ta' xi regola tal-liġi marbuta ma' l-applikazzjoni tiegħu.Dawn il-proċeduri għandhom jibdew fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew min-notifika tagħha lir-rikorrent jew, fin-nuqqas, mill-jum meta r-rikorrent ikun sar jaf biha, skond ma jkun il-każ.

14.3. Il-banek ċentrali nazzjonali huma parti integrali mis-SEBĊ u għandhom jaġixxu skond il-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-BĊE. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura li l-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-BĊE jiġu mħarsa, u għandu jirrikjedi li tingħatalu kull informazzjoni li tkun tinħtieġ.

14.4. Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jwettqu funzjonijiet oħra li ma jkunux dawk indikati f'dan l-Istatut kemm-il darba l-Kunsill Regolatorju ma jiddeċidiex, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti, li dawn ikunu qed ifixklu l-għanijiet u l-kompiti tas-SEBĊ. Dawn il-funzjonijiet jinvolvu responsabbiltà u l-obbligi tal-banek ċentrali nazzjonali u m'għandhomx jitqiesu bħala parti mill-funzjonijiet tas-SEBĊ.

### *Artikolu 15*

**Obbligi li jsiru rapport**

15.1. IL-BĊE għandu jħejji u jippubblika rapporti dwar l-attivitajiet tas-SEBĊ ta' l-inqas kull tliet xhur.

15.2. Dikjarazzjoni finanzjarja konsolidata tas-SEBĊ għandha tiġi ppubblikata kull ġimgħa.

15.3. Skond l-artikolu 284(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-BĊE għandu jagħmel rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-SEBĊ u fuq il-politika monetarja kemm tas-sena preċedenti kif ukoll ta' dik kurrenti, lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, u l-Kunsill Ewropew.

15.4. Ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu għad-dispożizzjoni ta' kull parti interressata bla ebda ħlas.

### *Artikolu 16*

**Karti tal-flus**

Skond l-Artikolu 128(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Regolatorju jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus ta' l-euro fl-Unjoni. Dan il-ħruġ ta' noti jista' jsir kemm mill-BĊE kif ukoll mill-banek ċentrali nazzjonali. Il-karti tal-flus maħruġa mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali biss ikollhom l-istat ta' valuta legali fi ħdan l-Unjoni.

Il-BĊE għandu jirrispetta kemm jista' jkun kull pratika eżistenti fejn għandhom x'jaqsmu l-emissjoni u d-disinn ta' karti tal-flus.

KAPITOLU IV

# FUNZJONIJIET MONETARJI U ĦIDMIET TA' L-SEBĊ

## *Artikolu 17*

**Kontijiet mal-BĊE u mal-banek ċentrali nazzjonali**

Sabiex iwettqu l-ħidmiet tagħhom, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiftħu kontijiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu, entitajiet pubbliċi u parteċipanti oħra fis-suq u jaċċettaw assi, inklużi titoli mniżżla fil-kotba bħala garanziji kollaterali.

## *Artikolu 18*

**Is-suq miftuħ u l-operazzjonijiet ta' kreditu**

18.1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

— joperaw fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbiegħu fil-mument (spot and forward) jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli sew jekk f'euro jew f'muniti oħra, kif ukoll f'metalli prezzjużi;

— imexxu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq, meta is-self ikun ibbażat fuq garanziji kollaterali adegwati.

18.2. Il-BĊE jistabbilixxi prinċipji ġenerali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta' kreditu li jitwettqu minnu stess jew mill-banek ċentrali nazzjonali, inkluż għal mod kif jitħabbru il-kondizzjonijiet li taħthom huma jkunu lesti li jidħlu fi tranżazzjonijiet bħal dawn.

## *Artikolu 19*

**Riżervi minimi**

19.1. Suġġett għall-Artikolu 2, il-BĊE jista', sabiex jimxi ma' l-għanijiet ta' linji politiċi monetarji, jeżiġi mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri li jkollhom minimi ta' riżervi fil-kontijiet tagħhom mal-BĊE u mal-banek ċentrali nazzjonali. Regolamenti dwar il-kalkolu u d-determinazzjoni tar-riżervi minimi meħtieġa jistgħu jkunu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. F'każijiet ta' inadempjenza il-BĊE ikollu l-jedd li jiġbor imgħax li jkun impost bħala piena u li jimponi sanzjonijiet oħra li jkollhom effett paragunabbli.

19.2. Sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, il-Kunsill għandu, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 41, jiddefinixxi l-bażi għar-riżervi minimi u l-ogħla proporzjonijiet permissibbli bejn dawk ir-riżervi u l-bażi tagħhom, kif ukoll is-sanzjonijiet xierqa f'każijiet ta' inadempjenza.

### *Artikolu 20*

**Strumenti oħra ta' Kontroll Monetarju**

Il-Kunsill Regolatorju jista', b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, jiddeċiedi fuq l-użu ta' dawk il-metodi l-oħra ta' kontroll monetarju kif iqis xieraq, skond l-Artikolu 2.

Il-Kunsill għandu, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 41, jiddefinixxi l-ambitu li fih dawk il-metodi jimponu obbligazzjonijiet fuq terzi.

### *Artikolu 21*

**Operazzjonijiet ma' entitajiet pubbliċi**

21.1. Skond l-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, overdrafts jew tipi oħra ta' faċilità ta' kreditu mal-BĊE jew mal-banek ċentrali nazzjonali favur l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew pubbliċi oħra, korpi oħra rregolati bil-liġi amministrattiva, jew intrapriżi pubbliċi fi Stati Membri huma pprojbiti, bħalma jkun ipprojbit ix-xiri dirett ta' istrumenti ta' kreditu minn għandhom mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali.

21.2. IL-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmluha ta' aġenti fiskali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 21.1.

21.3. Il-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma japplikawx għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' proprjeta pubblika fil-kuntest ta' provvista ta' riżervi mill-banek ċentrali, jkunu mgħotija l-istess trattament mill-banek ċentrali nazzjonali u l-BĊE bħalma jingħataw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu privati.

### *Artikolu 22*

**Sistemi ta' clearing u ħlas**

IL-BĊE u l-banek centrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, sabiex jiżgura li s-sistemi ta' *clearing* u ħlas fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjizi oħra jkunu effiċjenti u validi.

### *Artikolu 23*

**Operazzjonijiet esterni**

IL-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

— jistabbilixxu relazzjonijiet ma' banek ċentrali u istituzzjonijiet finanzjarji f'pajjiżi oħra u, fejn ikun xieraq, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;

— jakkwistaw, ibiegħu fil-mument bħala futuri u jgħaddu kull tip ta' assi ta' valuta estera u metalli prezzjużi; il-frażi "attiv ta' valuta estera" tinkludi kull titolu u assi oħra fil-valuta ta' kull pajjiż jew miżuri ta' konteġġ u f'liema forma jkunu;

— jżommu in depożitu u jamministraw l-assi imsemmija f'dan l-Artikolu;

— jagħmlu kull tip ta' transazzjoni bankarja f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi operazzjonijiet ta' self u prestiti.

*Artikolu 24*

**Operazzjonijiet oħra**

Minbarra l-operazzjonijiet li joriġinaw mill-ħidmiet tagħhom, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali, jistgħu jidħlu f'operazzjonijiet li jkollhom skopijiet amministrattivi għalihom jew għall-ħaddiema tagħhom.

## KAPITOLU V

## IS-SORVELJANZA PRUDENZJALI

*Artikolu 25*

**Is-sorveljanza prudenzjali**

25.1. IL-BĊE jista' joffri parir lil u jiġi konsultat mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri dwar il-kamp ta' azzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Unjoni fejn tidħol is-sorveljanza prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

25.2. Konformement ma' kull regolament tal-Kunsill taħt l-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-BĊE jista' jiżvolġi kompiti speċifiċi dwar linji politiċi li jirrigwardaw s-sorveljanza prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji oħra bl-eċċezzjoni ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni.

## KAPITOLU VI

## DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI TA' L-SEBĊ

*Artikolu 26*

**Il-kontabbiltà finanzjarja**

26.1. Is-sena finanzjarja tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tibda fl-ewwel jum ta' Jannar u tispiċċa fl-aħħar jum ta' Diċembru.

26.2. Il-kontijiet annwali tal-BĊE jitlestew mill-Bord Eżekuttiv, skond il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. Il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill Regolatorju u għandhom wara dan jiġu ppubblikati.

26.3. Għall-finijiet analitiċi u operattivi, il-Bord Eżekuttiv għandu jlesti balance sheet konsolidata tas-SEBĊ, li tinkludi dak l-attiv u l-passiv tal-banek ċentrali nazzjonali li jaqgħu taħt is-SEBĊ.

26.4. Sabiex isseħħ l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill Regolatorju għandu jistabbilixxi r-regoli neċessarji sabiex jiġu standardizzati l-kontijiet u r-rapporti ta' operazzjonijiet li jsiru mill-banek ċentrali nazzjonali.

## *Artikolu 27*

### Il-verifika

27.1. Il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Regolatorju u approvati mill-Kunsill. L-awdituri jkollhom kull setgħa li jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet kollha tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali u li jiksbu kull informazzjoni fuq it-transazzjonijiet tagħhom.

27.2. Il-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea jkunu japplikaw biss għal eżami ta' l-effiċjenza operattiva tat-tmexxija tal-BĊE.

## *Artikolu 28*

### Il-kapital tal-BĊE

28.1. Il-kapital tal-BĊE ikun ta' 5 000 miljun EUR. Il-kapital jista' jiżdied b'dawk l-ammonti li l-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi waqt li jaġixxi bil-maġġoranza kkwalifikata msemmija fl-Artikolu 10.3, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

28.2. Il-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-uniċi sottoskriventi u detenturi tal-kapital tal-BĊE. Is-sottoskrizzjoni fil-kapital tkun skond il-kjavi stabbilita fl-Artikolu 29.

28.3. Il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi bil-maġġoranza kkwalifikata skond l-Artikolu 10.3, għandu jiddeċiedi sa liema limitu ammont il-kapital jiġi konferit u f'liema forma.

28.4. Skond l-Artikolu 28.5, l-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fil-kapital sottoskritt tal-BĊE ma jistgħux jiġu trasferiti, mirhuna jew issekwestrati.

28.5. Jekk il-kjavi msemmija fl-Artikolu 29 tiġi aġġustata, il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jittrasferixxu bejniethom l-ishma mill-kapital sal-limitu meħtieġ sabiex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni ta' l-ishma mill-kapital tkun tikkorrispondi mal-kjavi aġġustata. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiddeċiedi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dawk it-transferimenti.

### *Artikolu 29*

**Il-kjavi għas-sottoskrizzjoni tal-kapital**

29.1. Il-kjavi għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-BĊE, iffissata għall-ewwel darba fl-1998 meta ġiet stabbilita s-SEBĊ, għandha tiġi determinata billi kull bank ċentrali nazzjonali jingħata piż f'din il-kjavi ekwivalenti għas-somma ta':

— 50 % tas-sehem li jkollu l-Istat Membru rispettiv tiegħu mill-popolazzjoni ta' l-Unjoni fis-sena preċedenti għal dik meta tkun ġiet stabbilita l-SEBĊ;

— 50 % tas-sehem ta' l-Istat Membru rispettiv tiegħu mill-prodott domestiku gross ta' l-Unjoni skond il-prezzijiet fis-suq hekk kif dawn ikunu ġew reġistrati matul l-aħħar ħames snin li ppreċedew is-sena ta' qabel dik meta tkun ġiet stabbilita l-SEBĊ;

Il-perċentwali tiġi mqarrba 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb multiplu ta' 0,0001 %.

29.2. L-informazzjoni statistika li għandha tintuża fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tiġi pprovduta mill-Kummissjoni skond ir-regoli adottati mill-Kunsill taħt il-proċedura li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 41.

29.3. Il-piżijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali għandhom jiġu aġġustati kull ħames snin wara li l-SEBĊ tiġi stabbilita b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29.1. Il-kjavi kif aġġustata tibda tapplika mill-ewwel ġurnata tas-sena ta' wara.

29.4. Il-Kunsill Regolatorju jieħu kull miżura oħra meħtieġa sabiex dan l-Artikolu jkun jista' jiġi applikat.

### *Artikolu 30*

**It-trasferiment ta' assi ta' riżerva barranin lill-BĊE**

30.1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 28, il-BĊE tiġi pprovduta mill-banek ċentrali nazzjonali b'assi ta' riżerva barranin, barra minn muniti ta' l-Istati Membri, ECUs, pożizzjonijiet ta' riżerva ta' l-IMF u SDRs, sa ammont ekwivalenti għal 50 000 miljun ECU. Il-Kunsill Regolatorju jiddeċiedi fuq il-proporzjon li jista' jintalab li jiġi konferit mill-BĊE wara li tiġi stabbilita u dwar l-ammonti li jintalbu aktar tard. Il-BĊE jkollha kull dritt li żżomm in depożitu r-riżervi barranin li jiġu ttrasferiti lilha kif ukoll li tużahom għall-bżonnijiet stipulati f'dan l-Istatut.

30.2. Il-kontribuzzjonijiet ta' kull bank ċentrali nazzjonali jiġu ffissati skond il-proporzjon tas-sehem tiegħu fil kapital sottoskritt tal-BĊE.

30.3. Kull bank ċentrali nazzjonali jiġi akkreditat mill-BĊE bi dritt ta' preljev ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tiegħu. Il-Kunsill Regolatorju għandu jistabbilixxi d-denominazzjoni u r-remunerazzjoni ta' dawn it-talbiet.

30.4. Aktar talbiet għal assi ta' riżerva barranin li jkunu jaqbżu l-limitu stipulat fl-Artikolu 30.1 mill-BĊE, jistgħu isiru skond l-Artikolu 30.2, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-Kunsill skond il-proċeduri li hemm fl-Artikolu 41.

30.5. Il-BĊE tista' żżomm u tamministra pożizzjonijiet ta' riżerva ta' IMF u SDRs u tipprovdi sabiex dawk l-assi jinġabru flimkien.

30.6. Il-Kunsill Regolatorju jieħu l-miżuri l-oħra kollha neċessarji sabiex dan l-Artikolu jiġi applikat.

## *Artikolu 31*

### L-Assi ta' riżervi barranin miżmuma mill-banek ċentrali nazzjonali

31.1. Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmlu transazzjonijiet sabiex iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom lejn organizzazzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 23.

31.2. L-operazzjonijiet l-oħra kollha f'assi ta' riżerva barranin li jibqgħu għand il-banek ċentrali nazzjonali wara t-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30, u t-transazzjonijiet ta' l-Istati Membri bil-bilanċi tagħhom fir-rati tal-kambju għandhom, meta jaqbżu ċertu limitu li jkun definit fil-parametri ta' l-Artikolu 31.3, ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-BĊE, u dan sabiex tiġi żgurata koerenza mal-linji politiċi monetarji u dwar ir-rati tal-kambju ta' l-Unjoni u kull politika monetarja ta' l-Unjoni.

31.3. Il-Kunsill Regolatorju għandu jippubblika linji direttivi bl-għan li jiffaċilita operazzjonijiet bħal dawk.

## *Artikolu 32*

### L-Allokazzjoni ta' l-introjtu monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali

32.1. L-introjtu li jakkumula għad-dispożizzjoni tal-banek ċentrali nazzjonali fit-twettiq tal-funzjoni tal-politika monetarja tas-SEBĊ (iżjed 'il quddiem imsemmi bħala "introjtu monetarju") jiġi allokat fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

32.2. L-ammont ta' l-introjtu monetarju ta' kull bank ċentrali nazzjonali jkun daqs l-introjtu annwali tiegħu derivat mill-assi tiegħu kontra l-flus fiċ-ċirkulazzjoni u l-passiv fid-depożiti għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn l-assi għandhom jiġu riżervati mill-banek ċentrali nazzjonali skond linji direttivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju.

32.3. Jekk, wara l-introduzzjoni ta' l-euro, l-istruttura tal-balance sheet tal-banek ċentrali nazzjonali, fil-fehma tal-Kunsill Regolatorju, ma jippermettux l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32.2, il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċidi li, b'deroga mill-Artikolu 32.2, l-introjtu monetarju jitqies skond metodu alternattiv għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

32.4. L-ammont ta' l-introjtu monetarju ta' kull bank ċentrali nazzjonali għandu jiġi mnaqqas b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax imħallas minn dak il-bank ċentrali fuq il-passiv fid-depożitu tiegħu f'istituzzjonijiet ta' kreditu skond l-Artikolu 19.

Il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li banek ċentrali nazzjonali jingħataw indennizz għal kull ħlas li jkunu għamlu in-konnessjoni ma' l-emissjoni tal-karti tal-flus jew f'ċirkostanzi eċċezjonali għal kull telf speċifiku li joriġina mill-operazzjonijiet ta' politika monetarja kkummissjonati mis-SEBĊ. L-indennizz ikun f'dik il-forma li tidher xierqa fil-fehma tal-Kunsill Regolatorju; dawn l-ammonti jistgħu jiġu paċuti kontra l-introjtu monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali.

32.5. Is-somma ta' l-introjtu monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali għandha tiġi allokata lill-banek ċentrali nazzjonali fi proporzjon ta' l-ishma mħallsa fil-kapital ta' l-BĊE, salva kull deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Regolatorju konformement ma' l-Artikolu 33.2.

32.6. Is-saldu u t-tpaċija tal-bilanċi li joriġinaw mill-allokazzjoni ta' dħul monetarju għandhom isiru mill-BĊE konformement mal-linji direttivi stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju.

32.7. Il-Kunsill Regolatorju ser jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

### *Artikolu 33*

### L-Allokazzjoni ta' profitt u telf nett tal-BĊE

33.1. Il-profitt nett tal-BĊE għandu jiġi trasferit f'din l-ordni li ġej:

(a) ammont li jiġi stabbilit mill-Kunsill Regolatorju, li ma jistax jaqbeż l-20 % tal-profitt nett, ikun trasferit fil-fond ta' riżerva ġenerali suġġett għal-limitu ekwivalenti għal 100 % tal-kapital;

(b) il-bqija tal-profitt nett jiġi mqassam lill-azzjonisti tal-BĊE fi proporzjon għall-ishma tagħhom imħallsa.

33.2. F'każ ta' telf min-naħa tal-BĊE, l-iżbilanċ jista' jitpaċa mill-fond ta' riżerva ġenerali tal-BĊE u, jekk ikun meħtieġ, wara deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Regolatorju, kontra l-introjtu monetarju tas-sena finanzjarja relevanti fi proporzjon u sa l-ammonti allokati lill-banek ċentrali nazzjonali skond l-Artikolu 32.5.

## KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 34*

### Atti legali

34.1. Skond l-Artikolu 132 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, l-BĊE:

— jagħmel regolamenti meħtieġa sabiex jimplimenta il-kompiti fl-Artikolu 3.1, l-ewwel subinċiż, fl-Artikoli 19.1, 22 jew 25.2 u f'każijiet stabbiliti fl-atti tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 41;

— jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa sabiex iwettaq ix-xogħol fdat lis-SEBĊ taħt it-Trattati u f'dan l-Istatut.

— jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti opinjonijiet.

34.2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu.

34.3. Fil-limitu u taħt il-kondizzjoni adottati mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, il-BĊE għandu d-dritt jimponi multi jew ħlasijiet penali perjodiċi fuq intrapriżi għal nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet taħt ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tagħha.

*Artikolu 35*

**Il-Kontroll ġudizzjarju u materji relatati**

35.1. L-atti jew l-ommissjonijiet tal-BĊE ikunu suġġetti għar-reviżjoni jew l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fil-każijiet u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati. Il-BĊE jista' jibda proċeduri fil-każijiet u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattati.

35.2. Il-Kwistjonijiet bejn il-BĊE fuq naħa, u l-kredituri tagħha, id-debituri jew ma' kull persuna oħra, ikunu deċiżi mill-qrati nazzjonali kompetenti, salv meta l-ġurisdizzjoni tkun ġiet mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

35.3. Il-BĊE ikun suġġett għall-kondizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà li hemm provdut dwarhom fl-Artikolu 340 fit-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea. Il-banek ċentrali nazzjonali ikunu responsabbli skond il-liġijiet rispettivi tagħhom.

35.4. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi skond u konformement ma' kull klawsola ta' arbitraġġ li jkun hemm f'kuntratt magħmul minn jew f'isem il-BĊE, kemm jekk il-kuntratt ikun regolat bid-dritt pubbliku jew dak privat.

35.5. Id-Deċiżjoni tal-BĊE sabiex tibda kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea trid tittieħed mill-Kunsill Regolatorju.

35.6. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jkollha ġurisdizzjoni f'kawżi dwar it-twettiq minn xi bank ċentrali nazzjonali ta' l-obbligazzjonijiet taħt dawn it-Trattati u dan l-Istatut. Jekk il-BĊE jikkonsidra li bank ċentrali nazzjonali jkun naqas milli jwettaq xi obbligazzjoni taħt dawn it-Trattati u dan l-Istatut, il-BĊE jagħti opinjoni kkunsidrata fuq il-kwistjoni wara li jagħti lill-bank ċentrali nazzjonali involut l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Jekk il-bank ċentrali nazzjonali in kwistjoni ma jkunx ikkonforma ruħu ma' dik il-fehma fiż-żmien mogħti mill-BĊE, il-BĊE jista' jressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 36*

**Il-persunal**

36.1. Il-Kunsill Regolatorju, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jistabbilixxi il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tal-impjegati tal-BĊE.

36.2. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jkollha kompetenza f'kull tilwima bejn il-BĊE u l-impjegati tiegħu fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet previsti mir-reġim li japplika għalihom.

*Artikolu 37* (ex Artikolu 38)

**Is-sigriet professjonali**

37.1. Membri tal-korpi regolatorji u l-impjegati tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali, ikunu obbligati, ukoll wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu spiċċaw, li ma jagħtux informazzjoni li tkun tax-xorta koperta bl-obbligu tas-sigriet professjonali.

37.2. Persuni li jkollhom aċċess għal informazzjoni koperta bil-leġislazzjoni ta' l-Unjoni li tkun timponi obligazzjoni ta' segretezza għandhom ikunu suġġetti għal dik il-leġislazzjoni.

*Artikolu 38* (ex Artikolu 39)

**Il-firmatarji**

Il-BĊE jintrabat legalment ma' terzi, mill-President jew minn żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv jew bil-firem ta' żewġ membri tal-persunal tal-BĊE li jkunu ġew awtorizzati kif suppost mill-President sabiex jiffirmaw f'isem il-BĊE.

*Artikolu 39* (ex Artikolu 40)

**Il-privileġġi u l-immunitajiet**

Il-BĊE għandu jgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri, dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li jkunu meħtieġa għall-qadi ta' d-dmirijiet tiegħu, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Unjoni.

## KAPITOLU VIII

## EMENDA TA' L-ISTATUT U TAL-LEĠISLAZZJONI KOMPLEMENTARI

*Artikolu 40* (ex Artikolu 41)

**Proċedura simplifikata għall-emendi**

40.1. Konformement ma' l-Artikolu 129(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 5.1,5.2, 5.3, 17, 18, 19.1, 22, 23, 24, 26, 32.2, 32.3, 32.4, 32.6, 33.1(a) u 36 ta' dan l-Istatut jistgħu jiġu emendati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja jew fuq rakkomandazzjoni mill-BĊE u wara li jikkonsulata mal-Kummissjoni, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara kunsultazzjoni mal-BĊE. F'kull każ ikun hemm il-bżonn tal-kunsens tal-Parlament Ewropew.

40.2. L-Artikolu 10.2 jista' jiġi emendat b'deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu fuq rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew. Dawn l-emendi m'għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm ma jkunux approvati mill-Istati Membri skond il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

40.3. Rakkomandazzjoni magħmula mill-BĊE taħt dan l-Artikolu teħtieġ deċiżjoni unanima mill-Kunsill Regolatorju.

### *Artikolu 41* (ex Artkolu 42)

**Il-leġislazzjoni komplementari**

Konformement ma' l-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-BĊE, jew fuq rakkomandazjoni mill-BĊE u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, għandu jadotta il-provvedimenti msemmija fl-Artikoli 4, 5.4, 19.2, 20, 28.1, 29.2, 30.4 u 34.3 ta' dan l-Istatut.

## KAPITOLU IX

## PERIJODU TRANSITORJU U DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA GĦALL-SEBĊ

### *Artikolu 42* (ex Artikolu 43)

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

42.1. Deroga kif inhi msemmija fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, għandha tfisser li l-Artikoli li ġejjin f'dan l-Istatut ma jagħtu l-ebda dritt u lanqas ma jimponu xi obbligazzjoni fuq l-Istat Membru involut: 3, 6, 9.2, 12.1, 14.3, 16, 18, 19, 20, 22, 23, 26.2, 27, 30, 31, 32, 33, 34, 50 u 52.

42.2. Il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri b'deroga kif indikata fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat imsemmi jżommu l-poteri tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skond il-liġi nazzjonali.

42.3. Konformement ma' l-Artikolu 139(4) tat-Trattat, "Stati Membri" għandha tinftiehem bħala "Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro" fl-Artikoli li ġejjin ta' dan l-Istatut: 3, 11.2, 19.

42.4. "Banek ċentrali nazzjonali" għandha tinftiehem bħala "banek ċentrali ta" Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro' fl-Artikoli li ġejjin ta' dan l-Istatut: 9.2, 10.2, 10.3, 12.1, 16, 17, 18, 22, 23, 27, 30, 31, 32, 33.2 u 52.

42.5. "Azzjonisti" għandha tinftiehem bħala "banek ċentrali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro" fl-Artikoli 10.3 u 33.1.

42.6. "Kapital sottoskritt tal-BĊE" għandha tinftiehem bħala "kapital tal-BĊE sottoskritt mill-banek ċentrali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro' fl-Artikoli 10.3 u 30.2.

*Artikolu 43* (ex Artikolu 44)

**Il-kompiti transitorji tal-BĊE**

Il-BĊE għandu jassumi dawk il-kompiti preċedenti ta' l-IME previsti fl-Artikolu 141(2), tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea li, minħabba d-deroga ta' xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri, ikunu għad iridu jsiru wara l-introduzzjoni ta' l-euro.

Il-BĊE għandu jagħti pariri fil-preparattivi għall-abrogazzjoni tad-deroga indikata fl-Artikolu 140 tat-Trattat imsemmi.

*Artikolu 44* (ex Artkolu 45)

**Il-Kunsill Ġenerali tal-BĊE**

44.1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 129(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ġenerali jiġi kostitwit bħala t-tielet korp deċiżjonali tal-BĊE.

44.2. Il-Kunsill Ġenerali jkun magħmul mill-President u l-Viċi-President tal-BĊE u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali. Il-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jipparteċipaw, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

44.3. Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill Ġenerali huma elenkati fid-dettal fl-Artikolu 46 ta' dan l-Istatut.

*Artikolu 45* (ex Artkolu 46)

**Regoli ta' proċedura tal-Kunsill Ġenerali**

45.1. Il-President jew, fl-assenza tiegħu, il-Viċi-President tal-BĊE għandu jippresjedi l-Kunsill Ġenerali tal-BĊE.

45.2. Il-President tal-Kunsill u membru tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw, mingħajr id-drit għall-vot fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

45.3. Il-President għandu jipprepara l-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

45.4. B'deroga mill-Artikolu 12.3, il-Kunsill Ġenerali għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

45.5. Is-Segretarjat tal-Kunsill Ġenerali għandu jiġi pprovdut mill-BĊE.

*Artikolu 46* (ex Artikolu 47)

**Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill Ġenerali**

46.1. Il-Kunsill Ġenerali għandu:

— jwettaq il-kompiti imsemmija fl-Artikolu 43;

— jikkontribwixxi għall-funzjonijiet konsultattivi msemmija fl-Artikoli 4 u 25.1.

46.2. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi:

— għall-ġbir ta' informazzjoni statistika kif imsemmija fl-Artikolu 5;

— għall-istabbiliment ta' attivitajiet ta' rappurtaġġ tal-BĊE kif imsemmija fl-Artikolu 15;

— għall-istabbiliment tar-regoli meħtieġa għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 26 kif imsemmi fl-Artikolu 26.4;

— biex jittieħdu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 kif imsemmi fl-Artikolu 29.4;

— biex jiġu stipulati l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema tal-BĊE kif imsemmi fl-Artikolu 36.

46.3. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi fil-preparattivi neċessarji sabiex jiġu ffissati irrevokabbilment ir-rati tal-kambju tal-muniti ta' l-Istati Membri li għandhom deroga, fil-konfront ta' l-euro, kif msemmi fl-Artikolu 140(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

46.4. Il-Kunsill Ġenerali għandu jiġi mgħarraf mill-President tal-BĊE bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju.

*Artikolu 47* (ex Artikolu 48)

**Provvedimenti transitorji dwar il-kapital tal-BĊE**

Skond l-Artikolu 29.1 kull bank ċentrali nazzjonali għandu jiġi ppeżat fil-kjavi ta' sottoskrizzjoni tal-kapital tal BĊE. B'deroga mill-Artikolu 28.3, il-banek ċentrali ta' Stati Membri b'deroga ma jikkonferux il-kapital sottoskritt tagħhom sakemm il-Kunsill Ġenerali, b'maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-kapital sottoskritt tal-BĊE u mill-inqas nofs l-azzjonisti, ma jiddeċidix li għandha titħallas perċentwali minima bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' l-operat tal-BĊE.

*Artikolu 48* (ex Artikolu 49)

**Ħlas differit tal-kapital, ta' riservi u ta' provvista tal-BĊE**

48.1. Il-bank ċentrali ta' Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet abrogata, għandu jħallas is-sehem sottoskritt tiegħu tal-kapital tal-BĊE, fl-istess livell tal-banek ċentrali ta' Stati Membri oħra li l-munita tagħhom hija l-euro, u għandu jittrasferixxi lill-BĊE, assi f'riservi barranin skond l-Artikolu 30.1. Is-somma li tiġi trasferita għandha tiġi ffissata billi jiġi moltiplikat il-valur ta' l-EUR skond ir-rati ta' kambju kurrenti ta' l-assi tar-riservi barranin li kienu diġà ġew ittrasferiti lill-BĊE skond l-Artikolu 30.1, bil-proporzjon bejn l-għadd ta' ishma sottoskritti mill-bank ċentrali nazzjonali u l-għadd ta' ishma diġa mħallsa mill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra.

48.2. B'żieda mal-ħlas li għandu jsir skond l-Artikolu 48.1, il-bank ċentrali involut għandu jikkontribwixxi għar-riservi tal-BĊE, għal dawk il-provvisti ekwivalenti għal riservi, u għall-ammont li għad ikun irid jiġi allokat lir-riservi u l-provvisti li jikkorrispondu għall-bilanċ tal-kont ta' profitt u telf kif jidher sal-31 ta' Diċembru tas-sena qabel l-abrogazzjoni tad-deroga. Is-somma li titħallas għandha tiġi

stabbilita billi jiġi moltiplikat l-ammont tar-riservi, kif imsemmi hawn qabel u kif muri fil-balance sheet approvata tal-BĊE, bil-proporzjon bejn l-għadd ta' ishma sottoskritti mill-bank ċentrali involut u l-għadd ta' ishma diġà mħallsa mill-banek ċentrali l-oħra.

48.3. Malli pajjiż wieħed jew iżjed isiru Stati Membri u l-banek ċentrali nazzjonali tagħhom isiru parti mis-SEBĊ, il-kapital sottoskritt tal-BĊE u l-limitu fuq l-ammont ta' assi ta' riservi barranin li jistgħu jiġu trasferiti lill-BĊE għandhom jiżdiedu awtomatikament. Iż-żieda għandha tkun stabbilita permezz tal-multiplikazzjoni ta' l-ammonti rispettivi li jeżistu f'dak iż-żmien skond il-proporzjon, fi ħdan is-sistema estiża tas-sottoskrizzjoni tal-kapital, bejn il-peżar tal-banek ċentrali nazzjonali li ser jidħlu u l-peżar tal-banek ċentrali nazzjonali li huma diġa' membri tas-SEBC. Il-peżar ta' kull bank ċentrali nazzjonali fis-sistema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital għandu jiġi kalkulat b'analoġija għall-Artikolu 29.1 u konformement ma' l-Artikolu 29.2. Il-perijodi ta' referenza li għandhom jintużaw għad-data statistika għandhom ikunu identiċi għal dawk applikati għall-aħħar aġġustament tal-peżati ta' kull ħames snin taħt l-Artikolu 29.3.

### *Artikolu 49* (ex Artikolu 52)

**Il-kambju ta' noti bankarji f'muniti ta' l-Istati Membri** (*)

Wara li r-rati tal-kambju jiġu ffissati irrevokabbilment skond l-Artikolu 140(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-karti ta' flus bankarji denominati f'muniti b'rati tal-kambju li jkunu ġew iffissati irrevokabbilment, jinbidlu mill-banek ċentrali nazzjonali bil-valur pari tagħhom rispettiv.

### *Artikolu 50* (ex Artikolu 53)

**L-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet transitorji**

Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b'deroga, l-Artikoli 42 sa 47 għandhom japplikaw.

(*) Test suġġett għal rettifika li qiegħda tiġi preparata.

**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Frar, 2004**

**li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew**

***(ECB/2004/2)***

(ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċizjoni tal-Bank BĊE/2009/5 Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Marzu 2009 | L 100 | 10 | 18.4.2009 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2014/1 Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2014 | L 95 | 56 | 29.3.2014 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2015/8 Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Frar 2015 | L 114 | 11 | 5.5.2015 |

▼B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tad-19 ta' Frar, 2004

## li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew

***(ECB/2004/2)***

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 12.3;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu Waħdieni*

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew kif emendati fit-22 ta' April, 1999, u kif reġgħu ġew emendati bid-Deċiżjoni ECB/1999/6 tas-7 ta' Ottubru, 1999, li temenda r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), għandhom jiġu sostitiwiti b' li ġejjin u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2004.

## IR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

KAPITLU PRELIMINARI

▼M2

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1.1. Dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jissupplimentaw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 1.2, it-termini f'dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal dik fit-Trattat u l-Istatut.

1.2. It-termini “Stat Membru” parteċipanti, “awtorità nazzjonali kompetenti” u “awtorità nazzjonali nnominata” għandhom ikollhom l-istess tifsira kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu ([2]).

▼B

KAPITLU I

## IL-KUNSILL GOVERNATTIV

*Artikolu 2*

**Id-data u l-post tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv**

2.1 Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat tiegħu fuq proposta mill-President. Il-Kunsill Governattiv għandu, fil-prinċipju, jiltaqa' regolarment skond skeda li huwa għandu jiddeċiedi fi żmien biżżejjed qabel il-bidu ta' kull sena kalendarja.

([1]) ĠU L 314, tat-8.12.1999 p. 32.
([2]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

▼B

2.2 Il-President għandu jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill Governattiv jekk it-talba biex issir laqgħa ssir mingħand mill-inqas tliet membri tal-Kunsill Governattiv.

2.3 Il-President jista' wkoll isejjaħ laqgħat tal-Kunsill Governattiv kull meta huwa jidhirlu li jkun meħtieġ.

2.4 Il-Kunsill Governattiv għandu normalment iżomm il-laqgħat tiegħu fil-bini tal-ECB.

2.5 Laqgħat jistgħu wkoll isiru permezz ta' telekonferenza, sakemm mhux anqas minn tliet Gvernaturi joġġezzjonaw.

*Artikolu 3*

**Attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv**

3.1 Salv kif ipprovdut f'din id-Deċiżjoni, l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv għandha tkun limitata għall-membri tiegħu, il-President tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

3.2 Kull Gvernatur jista' normalment ikun akkumpanjat minn persuna waħda.

3.3 Jekk xi Gvernatur ma jkunx jista' jattendi, huwa jista' jaħtar, bil-miktub, xi ħadd floku mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 4. Din il-komunikazzjoni bil-miktub għandha tintbagħat lill-President f'ħin biżżejjed qabel il-laqgħa. Din il-persuna flok il-Gvernatur tista' normalment tkun akkompanjata minn persuna waħda.

3.4 Il-President għandu jaħtar membru mill-Istaff tal-ECB bħala Segretarju. Is-Segretarju għandu jassisti l-Bord Eżekuttiv fil-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv u għandu jabbozza l-minuti ta' dawn il-laqgħat.

3.5 Il-Kunsill Governattiv jista' wkoll jistieden persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu jekk jidhirlu li jkun f'loku li jagħmel dan.

▼M1

*L-Artikolu 3a*

**Sistema ta’ rotazzjoni**

1. Il-gvernaturi għandhom jiġu allokati fi gruppi kif jidher fl-ewwel u fit-tieni subinċiżi tal-Artikolu 10.2 tal-Istatut.

2. Il-Gvernaturi għandhom jiġu ordnati f’kull grupp, skont il-konvenzjoni UE, skont lista tal-banek ċentrali tagħhom li ssegwi l-ordni alfabetiku tal-ismijiet tal-Istati Membri bil-lingwi nazzjonali. Ir-rotazzjoni tad-drittijiet tal-vot ġewwa kull grupp għandha ssegwi din l-ordni. Ir-rotazzjoni għandha tibda f’punt każwali fil-lista.

3. Id-drittijiet tal-vot ġewwa kull grupp għandhom iduru kull xahar, u jibdew fl-ewwel jum tal-ewwel xahar tal-implimentazzjoni tas-sistema ta’ rotazzjoni.

▼M1

4. Għall-ewwel grupp, in-numru ta' drittijiet tal-vot li jduru f'kull perijodu ta' xahar għandu jkun wieħed; għat-tieni u t-tielet grupp, in-numru ta' drittijiet tal-vot li jduru f'kull perijodu ta' xahar għandu jkun daqs id-differenza bejn in-numru tal-gvernaturi allokati lill-grupp u n-numru ta' drittijiet tal-vot li jingħatawlu, tnaqqas tnejn.

5. Kull meta l-kompożizzjoni tal-gruppi tiġi aġġustata skont il-ħames subinċiż tal-Artikolu 10.2 tal-Istatut, ir-rotazzjoni tad-drittijiet tal-vot ġewwa kull grupp għandha tkompli ssegwi l-lista msemmija fil-paragrafu 2. Mid-data meta n-numru tal-gvernaturi jilħaq 22, ir-rotazzjoni ġewwa t-tielet grupp għandha tibda f'punt każwali fil-lista. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jibdel l-ordni ta' rotazzjoni għat-tieni u t-tielet grupp biex jevita s-sitwazzjoni li ċerti gvernaturi jkunu dejjem mingħajr dritt tal-vot fl-istess perijodi tas-sena.

6. Il-BĊE għandu jippubblika bil-quddiem lista tal-membri tal-Kunsill Governattiv bi dritt tal-vot fil-website tal-BĊE.

7. Is-sehem tal-Istat Membru ta' kull bank ċentrali nazzjonali fil-karta tal-bilanċ aggregata totali tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-medja annwali tad-dejta medja ta' kull xahar matul is-sena kalendarja l-iktar reċenti li għaliha hemm dejta disponibbli. Kull meta l-prodott domestiku gross aggregat bil-prezzijiet tas-suq jiġi aġġustat skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut jew kull meta pajjiż isir Stat Membru u l-bank ċentrali nazzjonali tiegħu jsir parti mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, il-karta tal-bilanċ aggregata totali tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji tal-Istati Membri li adottaw l-ewro għandha terġa' tiġi kkalkolata abbażi tad-dejta li tirrigwarda l-iktar sena kalendarja reċenti li għaliha hemm dejta disponibbli.

▼B

*Artikolu 4*

**Votazzjoni**

4.1 ►M1 Biex il-Kunsill Governattiv jivvota, għandu jkun hemm kworum ta' żewġ terzi tal-membri bi dritt tal-vot. ◄ Jekk il-kworum ma jitlaħaqx, il-President jista' jsejjaħ laqgħa staordinarja fejn fiha deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu mingħajr il-ħtieġa ta' kworum.

4.2 Il-Kunsill Governattiv għandu jkompli biex jivvota fuq it-talba tal-President. Il-President għandu wkoll jagħti bidu għal proċedura ta' votazzjoni fuq talba minn kwalunkwe membru tal-Kunsill Governattiv.

4.3 Astensjonijiet m'għandhomx iżommu lill-Kunsill Governattiv milli jaddotta deċiżjonijiet skond l-Artikolu 41.2 ta' l-Istatut.

4.4 Jekk xi membru tal-Kunsill Governattiv jinżamm milli jivvota għal perjodu fit-tul (i.e. aktar minn xahar), huwa jista' jaħtar xi ħadd floku bħala membru tal-Kunsill Governattiv.

▼B

4.5 Skond l-Artiklu 10.3 ta' l-Istatut, jekk xi Gvernatur ma jkunx jista' jivvota dwar deċiżjoni li għandha tittieħed skond l-Artikli 28, 29, 30, 32, 33 u 51 ta' l-Istatut, il-persuna li huwa jaħtar floku jista' jitfa' l-vot ippeżat tiegħu.

4.6 Il-President jista' jagħti bidu għal votazzjoni sigrieta jekk mitlub biex jagħmel hekk minn mill-anqas tliet membri tal-Kunsill Governattiv. Jekk xi membri tal-Kunsill Governattiv huma milquta personalment minn proposta għal deċiżjoni skond l-Artikli 11.1, 11.3 or 11.4 ta' l-Istatut, għandha ssir votazzjoni sigrieta. F' dawn il-każijiet il-membri tal-Kunsill Governattiv interessati m'għandhomx jipparteċipaw fil-vot.

4.7 ►M3 Għajr kif huwa pprovdut fl-Artikolu 4.8, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu wkoll bi proċedura bil-miktub, ħlief jekk joġġezzjonaw ta' mill-inqas tliet membri tal-Kunsill Governattiv. Proċedura bil-miktub għandha teħtieġ: (i) normalment mhux anqas minn ħamest ijiem ta' xogħol biex tiġi kkunsidrata minn kull membru tal-Kunsill Governattiv; u (ii) l-approvazzjoni espressa jew taċita personali ta' kull membru tal-Kunsill Governattiv (jew is-supplent tiegħu/tagħha skont l-Artikolu 4.4); u (iii) verbal ta' deċiżjoni bħal dik fil-minuti tal-laqgħa ta' wara tal-Kunsill Governattiv. Id-Deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu bil-proċedura bil-miktub għandhom jiġu approvati mill-membri tal-Kunsill Governattiv bid-dritt tal-vot meta tingħata l-approvazzjoni. ◄

▼M3

4.8 Fl-ambitu tal-Artikoli 13g sa 13i, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu wkoll bi proċedura bil-miktub, ħlief jekk joġġezzjonaw ta' mill-inqas ħames membri tal-Kunsill Governattiv. Proċedura bil-miktub għandha teħtieġ massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol, jew fil-każ tal-Artikolu 13h, jumejn xogħol għall-konsiderazzjoni minn kull membru tal-Kunsill Governattiv.

4.9 Għal kwalunkwe proċedura bil-miktub, membru tal-Kunsill Governattiv (jew is-supplent tagħhom skont l-Artikolu 4.4) jista' jawtorizza espressament lil persuna oħra biex tiffirma l-vot tagħhom jew kumment tagħhom dwar is-sustanza kif approvat minnhom personalment.

▼B

*Artikolu 5*

**L-organizazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv**

5.1 Il-Kunsill Governattiv għandu jaddotta l-aġenda għal kull laqgħa. Aġenda proviżorja għandha titħejja mil-Bord Eżekuttiv u għandha tintbagħat, flimkien ma' dokumenti relatati, lill-membri tal-Kunsill Governattiv u parteċipanti awtorizzati oħra ta' mill-anqas tmint ijiem qabel il-laqgħa relevanti, ħlief f'emerġenzi, f'liema każ il-Bord Eżekuttiv għandu jaġixxi kif ikun xieraq skond iċ-ċirkostanzi. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jneħħi jew iżid xi punti ma' l-aġenda proviżorja fuq proposta mill-President jew minn xi membru ieħor tal-Kunsill Governattiv. ►M1 Punt għandu jitneħħa mill-aġenda fuq it-talba ta' mill-anqas tlieta mill-membri tal-Kunsill Governattiv bi dritt tal-vot jekk id-dokumenti relatati ma jkunux ġew ippreżentati lill-membri tal-Kunsill Governattiv fil-ħin. ◄

▼B

5.2 ►M1 Il-minuti tal-proċedimenti tal-Kunsill Governattiv għandhom jiġu approvati fil-laqgħa ta' wara (jew jekk ikun meħtieġ iktar kmieni bi proċedura bil-miktub) mill-membri tal-Kunsill Governattiv li kellhom dritt tal-vot fil-laqgħa li għaliha jirreferu l-minuti, u għandhom jiġu ffirmati mill-President. ◄

5.3 Il-Kunsill Governattiv jista' jitstabbilixxi regoli interni dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

▼M2

*Artikolu 5a*

**Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kunsill Governattiv**

5a.1. Il-Kunsill Governattiv jadotta u jaġġorna Kodiċi ta' Kondotta għall-gwida tal-membri tiegħu, li jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE.

5a.2. Kull Gvernatur għandu jiżgura li l-persuni li jakkumpanjawh/a skont it-tifsira tal-Artikolu 3.2 u s-supplenti tiegħu/tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 3.3 jiffirmaw dikjarazzjoni ta' konformità mal-Kodiċi tal-Kondotta qabel kull parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv.

▼B

KAPITLU II

**IL-BORD EŻEKUTTIV**

*Artikolu 6*

**Id-data u l-post tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv**

6.1 Id-data tal-laqgħat għandha tiġi deċiża mill-Bord Eżekuttiv fuq proposta mill-President.

6.2 Il-President jista' wkoll isejjaħ laqgħat tal-Bord Eżekuttiv kull meta huwa jidhirlu li jkun meħtieġ.

*Artikolu 7*

**Votazzjoni**

7.1 Biex il-Bord Eżekuttiv jivvota, skond l-Artiklu 11.5 ta' l-Istatut, għandu jkun hemm kworum ta' żewġ terzi tal-membri. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, il-President jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja fejn fiha d-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu mingħajr il-ħtieġa ta' kworum.

7.2 Deċiżjonijiet jistgħu wkoll jittieħdu bi proċedura bil-miktub, sakemm mhux anqas minn żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv joġġezzjonaw.

7.3 Il-Membri tal-Bord Eżekuttiv li jintlaqtu personalment b'deċiżjoni futura skond l-Artikoli 11.1, 11.3 jew 11.4 ta' l-Istatut m'għandhomx jipparteċipaw fil-vot.

▼B

*Artikolu 8*

**L-organizazzjoni tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv**

Il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar l-organizazzjoni tal-laqgħat tiegħu.

KAPITLU III

**L-ORGANIZAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

▼M2

*Artikolu 9*

**Il-kumitati tal-Eurosistema/tas-SEBĊ**

9.1. Il-Kunsill Governattiv jistabbilixxi u jxolji l-kumitati. Huma jassistu fix-xogħol tal-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċizjonijiet tal-BĊE u jirrapportaw lill-Kunsill Governattiv permezz tal-Bord Eżekuttiv.

9.2. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumitati li jassistu fix-xogħol tal-BĊE fir-rigward tal-kompiti konferiti fuq il-BĊE mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jirrapportaw lill-Bord Superviżorju u, fejn xieraq, lill-Kunsill Governattiv. B'konformità mal-proċeduri tiegħu stess, il-Bord Superviżorju jagħti mandat lill-Viċi-President sabiex jirrapporta dwar din l-attività lill-Kunsill Governattiv permezz tal-Bord Eżekuttiv.

9.3. Il-kumitati huma magħmulin minn mhux aktar minn zewġ membri minn kull BĊN tal-Eurosistema u mill-BĊE, maħturin minn kull Gvernatur u mill-Bord Eżekuttiv rispettivament.

9.4. Meta jkunu qed jassistu lill-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċizjonijiet tal-BĊE fil-kompiti mogħtija lill-BĊE permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-kumitati jinkludu membru wieħed mill-bank ċentrali u membru ieħor mill-awtorità nazzjonali kompetenti f'kull Stat Membru parteċipanti, maħtura minn kull Gvernatur wara konsultazzjoni mal-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti mhijiex bank ċentrali.

9.5. Il-Kunsill Governattiv jistabbilixxi l-mandati tal-kumitati u jaħtar il-presidenti tagħhom. Bħala regola, il-president għandu jkun membru tal-persunal tal-BĊE. Kemm il-Kunsill Governattiv kif ukoll il-Bord Ezekuttiv għandhom id-dritt li jitolbu lill-kumitati għal studji dwar suġġetti speċifiċi. Il-BĊE jipprovdi assistenza segretarjali lill-kumitati.

9.6. Kull bank ċentrali nazzjonali li mhuwiex fl-Eurosistema jista' wkoll jaħtar sa żewġ membri tal-persunal biex jieħdu sehem fil-laqgħat ta' umitat kull meta jittratta kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam tal-kompetenza tal-Kunsill Ġenerali u kull meta l-president ta' kumitat u l-Bord Eżekuttiv jidhrilhom li din il-parteċipazzjoni hija xierqa.

9.7. Rappreżentanti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni u kwalunkwe terza persuna ħra jistgħu jiġu mistiedna wkoll biex jieħdu sehem fil-laqgħat ta' kumitat kull meta l-president ta' xi kumitat u l-Bord Eżekuttiv jidhrilhom li dan huwa xieraq.

▼B

*Artikolu 9a*

Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jwaqqaf kumitati *ad hoc* responsabbli għal ħidmiet konsultattivi speċifiċi.

▼M2

*Artikolu 9b*

**Kumitat tal-Verifika**

Sabiex jissaħħu l-livelli interni u esterni tal-kontroll diġà fis-seħħ u sabiex tkompli tittejjeb il-governanza korporattiva tal-BĊE u tal-Eurosistema, il-Kunsill Governattiv jistabbilixxi kumitat tal-verifika u jistipula l-mandat u l-kompożizzjoni tiegħu.

▼B

*Artikolu 10*

**L-Istruttura interna**

10.1 Wara li jkun ikkonsulta l-Kunsill Governattiv, il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar in-numru, l-isem u l-kompetenza rispettiva ta' kull qasam ta' xogħol tal-ECB. Din id-deċiżjoni għandha ssir pubblika.

10.2 L-oqsma kollha tax-xogħol tal-ECB għandhom jiġu mqiegħda taħt id-direzzjoni maniġerjali tal-Bord Eżekuttiv. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltajiet individwali tal-membri tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-oqsma tax-xogħol tal-ECB, u għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv, il-Kunsill Ġenerali u l-Istaff tal-ECB. Kull deċiżjoni bħal din għandha tittieħed biss fil-preżenza tal-membri kollha tal-Bord Eżekuttiv, u tista' ma tittieħidtx kontra l-vot tal-President.

*Artikolu 11*

**L-Istaff tal-ECB**

11.1 Kull membru ta' l-Istaff tal-ECB għandu jiġi infurmat bil-pożizzjoni tiegħu fi ħdan l-istruttura tal-ECB, il-linja ta' rappurtaġġ tiegħu u r-responsabbiltajiet professjonali tiegħu.

11.2 Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 36 u 47 ta' l-Istatut, il-Bord Eżekuttiv għandu jippromulga regoli ta' organizzazzjoni (minn issa 'l quddiem imsemmija bħala "Ċirkulari Amministrattivi") li jorbtu lill-Istaff tal-ECB.

▼M2

11.3 Il-Bord Eżekuttiv jadotta u jaġġorna Kodiċi tal-Kondotta għall-gwida tal-membri tiegħu u tal-membri tal-persunal tal-BĊE, li jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE.

▼B

KAPITLU IV

**INVOLVIMENT TAL-KUNSILL ĠENERALI FIL-ĦIDMIET TAS-SISTEMA EWROPEA TAL-BANEK ĊENTRALI**

*Artikolu 12*

**Relazzjoni bejn il-Kunsill Governattiv u l-Kunsill Ġenerali**

12.1 Il-Kunsill Ġenerali tal-ECB għandu jingħata l-opportunita' biex jippreżenta osservazzjonijiet qabel ma l-Kunsill Governattiv jaddotta:

— l-opinjonijiet skond l-Artikli 4 u 25.1 ta' l-Istatut,

▼B

— ir-rakkomandazzjonijiet fil-qasam ta' l-Istatistika, skond l-Artiklu 42 ta' l-Istatut,

— ir-rapport annwali,

— ir-regoli dwar l-istandardizzazzjoni tar-regoli tal-kontabilita' u r-rappurtaġġ ta' l-operazzjonijiet,

— il-miżuri għall-applikazzjoni ta' l-Artiklu 29 ta' l-Istatut,

— il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-Istaff tal-ECB,

— fil-kuntest tal-preparazzjonijiet għall-iffissar irrevokabbli tar-rati tal-kambju, opinjoni tal-ECB; sew skond l-Artikolu 123(5) tat-Trattat, sew li titratta atti legali tal-Komunita', biex tiġi adottata meta deroga hija rrevokata.

12.2 Kull meta l-Kunsill Ġenerali huwa mitlub biex jippreżenta osservazzjonijiet skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artiklu, huwa għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jagħmel dan, li ma jistax ikun anqas minn għaxart ijiem ta' xogħol. F' każ ta' xi urġenza, li għandha tiġi ġġustifikata fit-talba, il-perjodu jista' jitnaqqas għal ħamest ijiem ta' xogħol. Il-President jista' jiddeċiedi li juża' l-proċedura ta' bil-miktub.

12.3 Il-President għandu jinforma lill-Kunsill Ġenerali, skond l-Artikli 47.4 ta' l-Istatut, bid-deċiżjonijiet addottati mill-Kunsill Governattiv.

*Artikolu 13*

**Relazzjoni bejn il-Bord Eżekuttiv u l-Kunsill Ġenerali**

13.1 Il-Kunsill Ġenerali tal-ECB għandu jingħata l-opportunita' biex jippreżenta osservazzjonijiet qabel ma l-Bord Eżekuttiv:

— jimplimenta atti legali tal-Kunsill Governattiv li skond l-Artiklu 12.1 hawn fuq, il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali għalihom hija meħtieġa;

— jaddotta, bis-saħħa ta' setgħat iddelegati mill-Kunsill Governattiv skond l-Artikli 12.1 ta' l-Istatut, atti legali li skond l-Artiklu 12.1 ta' dawn ir-Regoli, il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali għalihom hija meħtieġa.

13.2 Kull meta l-Kunsill Ġenerali huwa mitlub biex jippreżenta osservazzjonijiet skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artiklu, huwa għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jagħmel dan, li ma jistax ikun anqas minn għaxart ijiem ta' xogħol. Fil-każ ta' urġenza, li għandha tiġi ġġustifikata fit-talba, il-perjodu jista' jitnaqqas għal ħamest ijiem ta' xogħol. Il-President jista' jiddeċiedi li juża l-proċedura ta' bil-miktub.

▼M2

KAPITOLU IVa

**KOMPITI SUPERVIŻORJI**

*Artikolu 13a*

**Bord superviżorju**

Bis-saħħa tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, Bord Superviżorju stabbilit bħala korp intern tal-BĊE iwettaq b’mod sħiħ l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti konferiti fuq il-BĊE relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (minn hawn ’il quddiem “kompiti superviżorji”). Kull kompitu tal-Bord Superviżorju huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE.

▼M2

*Artikolu 13b*

**Kompożizzjoni tal-Bord Superviżorju**

13b.1. Il-Bord Superviżorju huwa kompost minn President, Viċi-President, erba' rappreżentanti tal-BĊE u rappreżentant wieħed tal-awtorità nazzjonali kompetenti minn kull Stat Membru parteċipanti. Il-membri kollha tal-Bord Superviżorju jaġixxu fl-interess tal-Unjoni kollha.

13b.2. Fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti mhijiex bank ċentrali, il-membru rispettiv tal-Bord Superviżorju jista' jġib rappreżentant mill-bank ċentrali tal-Istat Membru tiegħu. Għall-finijiet ta' votazzjoni, ir-rappreżentanti ta' Stat Membru jitqiesu bħala membru wieħed.

13b.3. Wara li jisma' lill-Bord Superviżorju, il-Kunsill Governattiv jadotta l-proposta għall-ħatra tal-President u ta-Viċi-President tal-Bord Superviżorju li tiġi ppreentata lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

13b.4. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-President tal-Bord Superviżorju, b'mod partikolari is-salarju, il-pensjoni u benefiċċji ta' sigurtà soċjali oħrajn tiegħu jew tagħha huma s-suġġett ta' kuntratt mal-BĊE u jiġu ddeterminati mill-Kunsill Governattiv.

13b.5. Il-mandat tal-Viċi-President tal-Bord Superviżorju huwa ta' ħames snin u ma jistax jiġġedded. Ma jistax jestendi lil hinn mit-tmiem tal-mandat tiegħu/tagħha bħala membru tal-Bord Eżekuttiv.

13b.6. Il-Kunsill Governattiv jaħtar l-erba' rappreżentanti tal-BĊE fil-Bord Superviżorju, li ma jwettaqx dmirijiet relatati direttament mal-funzjoni tal-politika monetarja, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv.

*Artikolu 13c*

**Votazzjoni skont l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013**

Għall-finijiet tal-adozzjoni tal-abozzi ta' deċiżjonijiet skont l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u fuq il-bażi ta' Artikolu 16 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 238(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Protokoll (Nru 36) dwar dispożizzjonijiet tranżitorji, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) Sal-31 ta' Ottubru 2014, id-deċiżjonijiet jitqiesu bħala adottati meta mill-inqas 50 % tal-membri tal-Bord Superviżorju li jirrappreżentaw mill-inqas 74 % tan-numru totali tal-voti ponderati u 62 % tal-popolazzjoni totali, jitfgħu vot favur.

(ii) Mill-1 ta' Novembru 2014, id-deċiżjonijiet jitqiesu bħala adottati meta mill-inqas 55 % tal-membri tal-Bord Superviżorju li jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni totali, jitfgħu vot favur. Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas numru minimu ta' membri tal-Bord Superviżorju li jirrappreżentaw 35 % tal-popolazzjoni totali, flimkien ma' membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kkwalifikata titiqies milħuqa.

▼M2

(iii) Bejn l-1 ta' Novembru 2014 u l-31 ta' Marzu 2017, fuq talba minn rappreżentant ta' awtorità nazzjonali kompetenti jew fuq talba minn rappreżentant tal-BĊE fil-Bord Superviżorju, id-deċiżjonijiet jitqiesu bħala adottati meta mill-inqas 50 % tal-membri tal-Bord Superviżorju li jirrappreżentaw mill-inqas 74 % tan-numru totali tal-voti peżati u 62 % tal-popolazzjoni totali, jitfgħu vot favur.

(iv) Kull wieħed mill-erba' rappreżentanti tal-BĊE maħtura mill-Kunsill Governattiv għandu jkollu ponderazzjoni ugwali għall-ponderazzjoni medjana ta' dawk ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti, kif ikkalkulat fuq il-bażi tal-metodu stabbilit fl-Anness.

(v) Il-voti tal-President u tall-Viċi-President għandhom ponderazzjoni ta' żero u jgħoddu biss għad-definizzjoni tal-maġġoranza safejn huwa kkonċernat in-numru tal-membri tal-Bord Superviżorju.

*Artikolu 13d*

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Bord Superviżorju**

Il-Bord Superviżorju jadotta r-Regoli ta' Proċedura wara li jkun ikkonsulta mal-Kunsill Governattiv. Ir-Regoli ta' Proċedura jiżguraw it-trattament ugwali tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

*Artikolu 13e*

**Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Bord Superviżorju**

13e.1. Il-Bord Superviżorju jadotta u jaġġorna Kodiċi ta' Kondotta għal gwida tal-membri tiegħu, li jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE.

13e.2. Kull membru jiżgura li, jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti mhijiex bank ċentrali, kull waħda mill-persuni li jakkompanjaw, supplenti u r-rappreżentanti tal-banek ċentrali nazzjonali tiegħu, tiffirma dikjarazzjoni ta' konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta qabel kwalunkwe parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bord Superviżorju.

*Artikolu 13f*

**Laqgħat tal-Bord Superviżorju**

Il-Bord Superviżorju normalment iżomm il-laqgħat tiegħu fil-bini tal-BĊE. Il-proċedimenti tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju jiġu pprovduti lill-Kunsill Governattiv, għall-informazzjoni, malli jiġu adottati.

▼M2

*Artikolu 13g*

**Adozzjoni ta' deċiżjonijiet għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013**

13g.1. Il-Bord Superviżorju jipproponi lill-Kunsill Governattiv abbozzi kompleti ta' deċiżjonijiet għall-finijiet li jitwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 flimkien man-noti spjegattivi li jiddeskrivu l-isfond għal u r-raġunijiet prinċipali li huma bażi tal-abbozz tad- deċiżjoni. Dawn l-abbozzi ta' deċiżjonijiet jiġu trażmessi simultanjament lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti kkonċernati flimkien mal-informazzjoni dwar l-iskadenza mogħtija lill-Kunsill Governattiv f'konformità mal- Artikolu 13 g.2.

13g.2. Abbozz ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13 g.1 titqies adottata sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax għaliha fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, perjodu ta' żmien raġonevoli għandu jiġi ddefinit mill-Bord Superviżorju u m'għandux jeċċedi t-48 siegħa. Il-Kunsill Governattiv jiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet bil-miktub. Id-deċiżjoni tiġi trażmessa lill-Bord Superviżorju u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

13g.3. Stat Membru parteċipanti li mhuwiex fiż-żona tal-euro għandu jinnotifika lill-BĊE b'kull nuqqas ta' qbil irraġunat permez ta' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 13 g.1. Il-President tal-BĊE jittrażmetti n-nuqqas ta' qbil irraġunat lill-Kunsill Governattiv u lill-Bord Superviżorju mingħajr dewmien. Il-Kunsill Governattiv iqis bis-sħiħ ir-raġunijiet misjuba f'valutazzjoni mħejjija mill-Bord Superviżorju meta jkun qed jiddeċiedi fuq il-kwistjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-informazzjoni dwar in-nuqqas ta' qbil irraġunat. Din id-deċiżjoni, flimkien ma' spjegazzjoni bil-miktub, tiġi trażmessa lill-Bord Superviżorju u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

13g.4. Stat Membru parteċipanti li mhuwiex fiż-żona tal-euro jinnotifika lill-BĊE b'kull nuqqas ta' qbil irraġunat ma' oġġezzjoni tal-Kunsill Governattiv għal abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi din l-oġġezzjoni skont l-Artikolu 13 g.2. Il-President tal-BĊE jittrażmetti n-nuqqas ta' qbil irraġunat lill-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju mingħajr dewmien. Il-Kunsill Governattiv jagħti l-opinjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' qbil irraġunat espress mill-Istat Membru fi żmien 30 jum, u, waqt li jagħti r-raġunijiet tiegħu, jikkonferma jew jirtira l-oġġezzjoni tiegħu. Din id-deċiżjoni dwar il-konferma jew l-irtirar tal-oġġezzjoni tiegħu għandha tiġi trażmessa lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kunsill Governattiv jirtira l-oġġezzjoni, l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju għandu jitqies bħala adottat fid-data tal-irtirar tal-oġġezzjoni.

*Artikolu 13h*

**Adozzjoni ta' deċiżjonijiet għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013**

13h.1. Jekk awtorità nazzjonali kompetenti jew innominata tinnotifika lill-BĊE bl-intenzjoni tagħha li tapplika r-rekwiżiti għar-riżervi tal-kapital jew kwalunkwe miżuri oħrajn maħsubin biex jindirizzaw riskji sistematiċi jew makro-prudenzjali skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, malli s-Segretarju tal-Bord Superviżorju jirċievi n-notifika, din għandha tiġi trażmessa lill-Kunsill Governattiv u lill-Bord

▼M2

Superviżorju mingħajr dewmien. Fuq proposta mħejjija mill-Bord Superviżorju fuq il-bażi tal-inizjattiva u li tikkunsidra l-kontribut tal-kumitat relevanti u tal-istruttura interna relevanti, il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi dwar il-kwistjoni fi żmien tlitt ijiem ta' xogħol. Fejn il-Kunsill Governattiv joġġezzjona għall-miżura nnotifikata, għandu jispjega r-raġunijiet tiegħu bil-miktub lill-awtorità nazzjonali kompetenti jew innominata fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika lill-BĊE.

13h.2. Jekk il-Kunsill Governattiv, fuq proposta mħejjija mill-Bord Superviżorju bbażata fuq l-inizjattiva u li tikkunsidra l-kontribut tal-kumitat relevanti u tal-istruttura interna relevanti, għandu l-intenzjoni li japplika rekwiżiti ogħla għar-riżervi tal-kapital jew li japplika miżuri iktar stretti maħsubin biex jindirizzaw riskji sistematiċi jew makro-prudenzjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, din l-intenzjoni tiġi nnotifikata lill-awtorità nazzjonali kompetenti jew innominata kkonċernata mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti jew innominata tinnotifika lill-BĊE bil-miktub bl-oġġezzjoni rraġunata fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-wasla tan-notifika, malli s-Segretarju tal-Bord Superviżorju jirċievi din in-notifika, din l-oġġezzjoni għandha tiġi trażmessa lill-Kunsill Governattiv u lill-Bord Superviżorju mingħajr dewmien. Il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi dwar il-kwistjoni fuq il-bażi ta' proposta mħejjija mill-Bord Superviżorju bbażata fuq l-inizjattiva u filwaqt li jqis il-kontribut tal-kumitat relevanti u tal-istruttura relevanti interna.Din id-deċiżjoni għandha tiġi trażmessa lill-awtorità nazzjonali kompetenti jew innominata kkonċernata.

13h.3. Il-Kunsill Governattiv għandu d-dritt jitlob li japprova, joġġezzjona jew jemenda proposti tal-Bord Superviżorju skont it-tifsira tal-Artikolu 13 h.1 u l-Artikolu 13 h.2. Il-Kunsill Governattiv għandu wkoll id-dritt li jitlob lill-Bord Superviżorju biex jissottometti proposta skont it-tifsira tal-Artikolu 13 h.1 u l-Artikolu 13 h.2 jew biex iwettaq analiżi speċifika. Jekk il-Bord Superviżorju ma jissottometti l-ebda proposta li tindirizza dawn it-talbiet, il-Kunsill Governattiv, filwaqt li jqis il-kontribut tal-kumitat relevanti u tal-istruttura interna relevanti, jista' jieħu deċiżjoni fin-nuqqas ta' proposta mill-Bord Superviżorju.

*Artikolu 13i*

**Adozzjoni ta' deċiżjonijiet skont l-Artikolu 14(2) sa (4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013**

Jekk awtorità nazzjonali kompetenti tinnotifika lill-BĊE bl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-Bord Superviżorju jittrażmetti l-abbozz ta' deċiżjoni, flimkien mal-evalwazzjoni tagħha, lill-Kunsill Governattiv fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. L-abbozz ta' deċiżjoni titqies adottata sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol min-notifika lill-BĊE, li tista' tiġi estiża darba għall-istess perjodu f'każijiet iġġustifikati.

▼M2

*Artikolu 13j*

**Qafas ġenerali msemmi fl-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013**

Il-Kunsill Governattiv jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-qafas ġenerali biex jiġu organizzati l–arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u fuq il-bażi ta' proposta mill-Bord Superviżorju barra mill-ambitu tal-proċedura tan-nuqqas ta' oġġezzjoni.

*Artikolu 13k*

**Separazzjoni tal-politika monetarja u l-kompiti superviżorji**

13k.1. Il-BĊE iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 mingħajr preġudizzju għal, u b'mod separat mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u kwalunkwe kompitu ieħor.

13k.2. Il-BĊE jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura s-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-funzjonijiet superviżorji.

13k.3. Is-separazzjoni tal-politika monetarja u l-funzjoni superviżorja ma teskludix il-iskambju bejn dawn iż-żewġ oqsma funzjonali tal-informazzjoni neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tal-BĊE u tas-SEBĊ.

*Artikolu 13l*

**Organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv dwar il-kompiti superviżorji**

13l.1. Il-laqgħat tal-Kunsill Governattiv dwar il-kompiti superviżorji isiru separatament mil-laqgħat regolari tal-Kunsill Governattiv u għandhom aġendi separati.

13l.2. Fuq proposta mill-Bord Superviżorju, il-Bord Eżekuttiv ifassal aġenda provviżorja u jibgħatha, flimkien mad-dokumenti relevanti imħejjija mill-Bord Superviżorju, lill-membri tal-Kunsill Governattiv u parteċipanti awtorizzati oħra mill-inqas tmint ijiem qabel il-laqgħa relevanti. Dan ma japplikax għal emerġenzi, li fihom il-Bord Eżekuttiv jaġixxi b'mod xieraq wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi.

13l.3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jikkonsulta mal-Gvernaturi tal-BĊNi li mhumiex fl-Eurosistema tal-Istati Membri parteċipanti qabel ma joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni mħejji mill-Bord Superviżorju li huwa indirizzat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti li mhumiex fiż-żona tal-euro. L-istess japplika fejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati jinformaw lill-Kunsill Governattiv bin-nuqqas ta' qbil irraġunat tagħhom ma' dan l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju.

▼M2

13l.4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv stabbiliti f'Kapitolu 1 japplikaw għal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv dwar il-kompiti superviżorji.

*Artikolu 13m*

**Struttura interna dwar il-kompiti superviżorji**

13m.1. Il-kompetenza tal-Bord Eżekuttiv fir-rigward tal-istruttura interna tal-BĊE u l-persunal tal-BĊE tinkludi l-kompiti superviżorji. Il-Bord Eżekuttiv jikkonsulta lill-President u lill-Viċi-President tal-Bord Superviżorju fuq din l-istruttura interna. L-Artikoli 10 u 11 għandhom japplikaw kif meħtieġ.

13m.2. Il-Bord Superviżorju, bi qbil mal-Bord Eżekuttiv, jista' jistabbilixxi u jxolji substruttura ta' natura temporanja, bħal gruppi ta' ħidma jew task forces. Huma jassistu fil-ħidma dwar il-kompiti superviżorji u jirrapportaw lill-Bord Superviżorju.

13m.3. Il-President tal-BĊE, wara li jikkonsulta mal-President tal-Bord Superviżorju, għandu jaħtar membru tal-persunal tal-BĊE bħala Segretarju tal-Bord Superviżorju u tal-Kumitat ta' Tmexxija. Is-Segretarju jassisti lill-President jew, fl-assenza tiegħu/tagħha, lill-Viċi-President fil-preparamenti tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju u għandu jkun responsabbli għall-abbozzar tal-proċedimenti ta' dawn il-laqgħat.

13m.4. Is-Segretarju jikkoordina mas-Segretarju tal-Kunsill Governattiv għat-tħejjija tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv dwar il-kompiti superviżorji u huwa responsabbli għall-abbozzar tal-proċedimenti ta' dawn il-laqgħat.

*Artikolu 13n*

**Rapport skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (EU) Nru 1024/2013**

Fuq proposta mill-Bord Superviżorju sottomessa mill-Bord Eżekuttiv, il-Kunsill Governattiv għandu jadotta r-rapporti annwali indirizzati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-Eurogroup kif mitlub taħt l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

*Artikolu 13o*

**Rappreżentanti tal-BĊE fl-Awtorità Bankarja Ewropea**

13o.1. Fuq proposta mill-Bord Superviżorju, il-President tal-BĊE għandu jaħtar jew isejjaħ lura r-rappreżentanti tal-BĊE għall-Bord Superviżorju tal-Awtorità Bankarja Ewropea kif ipprovduta minn Artikolu 40(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE [3].

[3] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

▼M2

13o.2. Il-President għandu jinnomina t-tieni rappreżentant li jakkumpanja kompetenti fil-kompiti bankarji ċentrali lill-Bord Superviżorju tal-Awtorità Bankarja Ewropea.

▼B

KAPITLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI SPEĊIFIĊI

*Artikolu 14*

### Delegazzjoni tas-setgħat

14.1 Id-delegazzjoni tas-setgħat tal-Kunsill Governattiv lill-Bord Eżekuttiv skond l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu ta' l-Artiklu 12.1 ta' l-Istatut, għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet interessati, jew jekk ikun xieraq ippubblikata, meta deċizjionijiet meħuda b'delegazzjoni jkollhom effetti legali fuq terzi partijiet. Il-Kunsill Governattiv għandu jiġi mgħarraf minnufih b' kwalunkwe att addottat b' delegazzjoni.

14.2 Il-Ktieb tal-Firmatarji Awtorizzati tal-ECB, stabbilit skond deċiżjonijiet addottati skond l-Artiklu 39 ta' l-Istatut, għandu jiġi mqassam lill-partijiet interessati.

*Artikolu 15*

### Il-Proċedura dwar l-estimi

▼M2

15.1 Qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja, il-Kunsill Governattiv, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv skont kwalunkwe prinċipji stabbiliti minn tal-ewwel, jadotta l-baġit tal-BĊE għas-sena finanzjarja sussegwenti. In-nefqa għall-kompiti superviżorji għandha tkun identifikabbli b'mod separat f il-baġit u għandha ssir b'konsultazzjoni mal-President u l-Viċi-President tal-Bord Superviżorju.

▼B

15.2 Il-Kunsill Governattiv għandu jwaqqaf Kumitat ta' l-Estimi u jistabbilixxi l-mandat u l-kompożizzjoni tiegħu għal assistenza f'kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi tal-ECB.

*Artikolu 16*

### Kontijiet tar-rappurtaġġ u annwali

16.1 Il-Kunsill Governattiv għandu jaddotta r-rapport annwali meħtieġ skond l-Artiklu 15.3 ta' l-Istatut.

16.2 Il-kompetenza li taddotta u tippubblika r-rapporti ta' kull trimestru skond l-Artiklu 15.1 ta' l-Istatut, ir-rendikonti finanzjarji kkonsolidati ta' kull ġimgħa skond l-Artiklu 15.2 ta' l-Istatut, il-karti tal-bilanċ ikkonsolidati skond l-Artiklu 26.3 ta' l-Istatut u rapporti oħra għandhom ikunu ddelegati lill-Bord Eżekuttiv.

16.3 Skond il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv, il-Bord Eżekuttiv għandu jipprepara l-kontijiet annwali tal-ECB fl-ewwel xahar tas-sena finanzjarja ta' wara. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-awditur barrani.

▼B

16.4 Il-Kunsill Governattiv għandu jaddotta l-kontijiet annwali tal-ECB fl-ewwel trimestru tas-sena ta' wara. Ir-rapport ta' l-awditur barrani għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Governattiv qabel l-addozzjoni tagħhom.

*Artikolu 17*

**L-Istrumenti legali tal-ECB**

17.1 Ir-Regolamenti tal-ECB għandhom jiġu addottati mill-Kunsill Governattiv u ffirmati għalih mill-President.

17.2 Il-Linji ta' Giwda tal-ECB għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv, u minn hemm 'il quddiem innotifikati, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u ffirmati mill-President għall-Kunsill Governattiv. Huma għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma jkunu bbażati. In-notifika tal-banek ċentrali nazzjonali tista' ssir permezz tat-telefaks, jew tal-posta elettronika, jew tat-telex, jew permezz ta' ittra. Kull Linja ta' Gwida tal-ECB li għandha tiġi ppubblikata uffiċjalment għandha tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

17.3 Il-Kunsill Governattiv jista' jiddelega s-setgħat normattivi tiegħu lill-Bord Eżekuttiv għall-iskop biex jimplimenta r-regolamenti u l-linji ta' gwida tiegħu. Ir-regolament jew il-linja ta' gwida interessata għandha tispeċifika l-kwistjonijiet biex jiġu implimentati kif ukoll il-limiti u l-iskop tas-setgħat delegati.

17.4 Id-deċiżjonijiet tal-ECB u r-Rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu addottatti mill-Kunsill Governattiv jew mill-Bord Eżekuttiv fil-qasam tal-kompetenza rispettiva tagħhom, u għandhom ikunu ffirmati mill-President. Id-Deċiżjonijiet tal-ECB li jimponu sanzjonijiet fuq terzi partijiet għandhom ikunu ffirmati mill-President, il-Viċi-President jew kwalunkwe żewġ membri oħra tal- Bord Eżekuttiv. Id-Deċiżjonijiet tal-ECB u r-Rakkomandazzjonijiet għandhom jiddikjaraw r-raġunijiet li fuqhom huma jkunu bbażati. Ir-Rakkomandazzjonijiet għal leġislazzjoni tal-Komunita' sekondarja skond l-Artiklu 42 ta' l-Istatut għandhom ikunu addottati mill-Kunsill Governattiv.

▼M2

17.5 Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 43, u l-ewwel subinċiż tal-Artikolu 46.1 tal-Istatut, l-Opinjonijiet tal-BĊE jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv. Madankollu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u sakemm tal-anqas tliet Gvernaturi jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jibqgħu iżommu l-kompetenza tal-Kunsill Governattiv għall-adozzjoni ta' opinjonijiet speċifiċi, l-Opinjonijiet tal-BĊE jistgħu jiġu adottati mill-Bord Eżekuttiv, b'konformità ma' kummenti mogħtija mill-Kunsill Governattiv u meta jiġi kkunsidrata l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali. Il-Bord Eżekuttiv huwa kompetenti biex jiffinalizza l-Opinjonijiet tal-BĊE fuq kwistjonijiet tekniċi ħafna u biex jinkorpora bidliet jew korrezzjonijiet fattwali. L-Opinjonijiet tal-BĊE jiġu ffirmati mill-President. Sabiex l-Opinjonijiet tal-BĊE jiġu adottati fir-rigward ta' superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-Kunsill Governattiv jista' jikkonsulta lill-Bord Superviżorju.

▼B

17.6 L-Istruzzjonijiet tal-ECB għandhom jiġu addottati mill-Bord Eżekuttiv, u minn hemm 'il quddiem innotifikati, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u ffirmati mill-President jew kwalunkwe żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv għall-istess Bord. In-notifika tal-banek ċentrali nazzjonali tista' ssir permezz tat-telefaks, jew tal-posta elettronika, jew tat-teleks jew permezz ta' ittra. Kull Struzzjoni tal-ECB li għandha tiġi ppubblikata uffiċjalment għandha tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

▼B

17.7 L-Istrumenti legali kollha tal-ECB għandhom jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali għal identifikazzjoni aktar faċli. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu passi biex jiżgura l-kustodja żgura tal-verżjonijiet oriġinali, in-notifika ta' min jirċievi jew ta' l-awtoritajiet konsultattivi, u l-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-każi tar-Regolamenti tal-ECB, l-Opinjonijiet tal-ECB dwar l-abbozzi tal-leġiżlazzjoni tal-Komunita' u dawk l-Istrumenti legali tal-ECB li l-pubblikazzjoni tagħhom tkun ġiet espressament deċiża.

▼M2

17.8 Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [4] japplika għall-atti legali speċifikati fl-Artikolu 34 tal-Istatut.

*Artikolu 17a*

**Strumenti legali tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji**

17a.1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fir-regolamenti adottati mill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u f'dan l-Artikolu, l-Artikolu 17 japplika għall-istrumenti legali tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji.

17a.2. Il-linji gwida tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 6(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv, u minn hemm 'il quddiem innotifikati u ffirmati mill-President f'isem il-Kunsill Governattiv. In-notifika tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tista' ssir permezz tat-telefax, tal-posta elettronika, jew tat-teleks jew permezz ta' karta stampata.

17a.3. Istruzzjonijiet tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji skont l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 6(5)(a) u l-Artikoli 7(1), 7(4), 9(1) u 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv, u minn hemm 'il quddiem innotifikati u ffirmati mill-President f'isem il-Kunsill Governattiv. Huma jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. In-notifika tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tista' ssir permezz tat-telefax, tal-posta elettronika, jew tat-teleks jew permezz ta' karta stampata.

17a.4. Id-deċiżjonijiet tal-BĊE fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni u entitajiet li applikaw għall-awtorizzazzjoni biex jinbeda n-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv u u ffirmat f'ismu mill-President. Dawn għandhom minn hemm 'il quddiem jiġu nnotifikati lid-destinatarji.

*Artikolu 18*

**Il-Proċedura skont l-Artikolu 128(2) tat-Trattat**

L-approvazzjoni stipulata fl-Artikolu 128(2) tat-Trattat għandha tiġi adottata għas-sena ta' wara, mill-Kunsill Governattiv f'deċiżjoni waħda għall-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro fl-aħħar trimestru ta' kull sena.

---

([4]) ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 01 p. 3.).

▼B

*Artikolu 19*

**L-akkwist**

19.1 L-akkwist ta' oġġetti u servizzi għall-ECB għandu jsir b'kunsiderazzjoni għall-prinċipji tal- pubbliċita', it-trasparenza, l-aċċess ugwali, it-trattament indaqs u l-amministrazzjoni effiċjenti.

19.2 Bl-eċċezzjoni tal-prinċipju ta' l-amministrazzjoni effiċjenti, derogi jistgħu jsiru mill-prinċipji ta' hawn fuq f'każijiet ta' urġenza; għal raġunijiet ta' sigurta' jew kunfidenzjalita'; meta jkun hemm l-uniku fornitur; għal provvisti mill-banek ċentrali nazzjonali lill-ECB; biex tiġi żgurata l-kontinwita' ta' xi fornitur.

▼M2

————

▼B

*Artikolu 21*

**Il-kundizzjonijiet ta' l-Impjieg**

21.1 Il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg u r-Regoli għall-Istaff għandhom jiddeterminaw ir-relazzjoni ta' l-impjieg bejn il-ECB u l-Istaff tiegħu.

21.2 Il-Kunsill Governattiv, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv u wara konsultazzjoni tal-Kunsill Ġenerali, għandu jaddotta l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg.

21.3 Il-Bord Eżekuttiv għandu jaddotta r-Regoli għall-Istaff, li għandhom jimplimentaw il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg.

21.4 Il-Kumitat ta' l-Istaff għandu jiġi kkonsultat qabel l-addozzjoni ta' Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg jew Regoli għall-Istaff ġodda. L-opinjoni tiegħu għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill Governattiv jew il-Bord Eżekuttiv rispettivament.

*Artikolu 22*

**Komunikazzjonijiet u tħabbir**

Il-komunikazzjonijiet ġenerali u t-tħabbir ta' deċiżjonijiet meħuda mill-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ECB jistgħu jiġu ppubblikati fuq il-*website* tal-ECB, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, jew permezz ta' servizzi bil-wajer komuni għal swieq finanzjarji jew kwalunkwe mezz ta' xandir ieħor.

*Artikolu 23*

**Kunfidenzjalita' ta', u aċċess għal, dokumenti tal-ECB**

▼M2

23.1 Il-proċedimenti tal-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċizjonijiet tal-BĊE, jew kwalunkwe kumitat jew grupp imwaqqaf minnhom, tal-Bord Superviżorju, il-Kumitat ta' Tmexxija tiegħu u ta' kwalunkwe mis-substrutturi tiegħu ta' natura temporanja huma kunfidenzjali sakemm il-Kunsill Governattiv ma jawtorizzax lill-President biex jippubblika l-eżitu tad-diskussjonijiet tagħhom. Il-President jikkonsulta mal-President tal-Bord Superviżorju qabel ma' jieħu deċiżjoni bħal din fir-rigward tal-proċedimenti tal-Bord Superviżorju, tal-Kumitat ta' Tmexxija tiegħu u kwalunkwe mis-substrutturi ta' natura temporanja.

▼B

23.2 L-aċċess pubbliku għal dokumenti mħejjija jew miżmuma mill-ECB għandhom ikunu rregolati b'deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv.

23.3 ►M2 Id-dokumenti mfasslin jew miżmumin mill-BĊE għandhom jiġu kklassifikati u mmaniġġati skont ir-regoli ta' organizzazzjoni dwar is-segretezza professjonali u l-immaniġġjar u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. ◄ Huma għandhom ikunu aċċessibbli liberament wara perjodu ta' 30 sena sakemm il-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet jiddeċiedu mod ieħor.

▼M2

*Artikolu 23a*

**Il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali fir-rigward tal-kompiti superviżorji**

23a.1. Il-membri tal-Bord Superviżorju, tal-Kumitat ta' Tmexxija u ta' kwalunkwe mis-substrutturi stabbiliti mill-Bord Superviżorju għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stipulati fl-Artikolu 37 tal-Istatut anke wara li jkunu waqfu minn dmirijiethom.

23a.2. L-osservaturi ma għandhomx ikollhom aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali relatat ma' istituzzjonijiet individwali.

23a.3. Id-dokumenti mfasslin mill-Bord Superviżorju, mill-Kumitat ta' Tmexxija u kwalunkwe mis-substrutturi ta' natura temporanja stabbiliti mill-Bord Superviżorju għandhom ikunu dokumenti tal-BĊE u huma għalhekk ikklassifikati u mmaniġġjati skont l-Artikolu 23.3.

▼B

KAPITLU VI

**DISPOŻIZZJONI FINALI**

*Artikolu 24*

**L-emendi għal dawn ir-Regoli tal-Proċedura**

IL-Kunsill Governattiv jista' jemenda dawn ir-Regoli tal-Proċedura. Il-Kunsill Ġenerali jista' jipproponi emendi u l-Bord Eżekuttiv jista' jaddotta regoli supplimentari fil-qasam tal-kompetenza tiegħu.

▼**M2**

*ANNESS*

(kif imsemmi fl-Artikolu 13c(iv))

1. Għall-finijiet tal-votazzjoni skont l-Artikolu 13c, l-erba' rappreżentanti tal-BĊE, għandhom, kif iddefinit fil-paragrafi li jmiss, jiġu assenjati l-voti pponderati medjani tal-Istati Membri parteċipanti skont il-kriterju ta' voti pponderati, il-popolazzjoni medjana tal-Istati Membri parteċipanti taħt il-kriterju ta' popolazzjoni u, bis-saħħa tal-isħubija tagħhom fil-bord Superviżorju, vot skont il-kriterju tan-numru tal-membri.

2. Meta ssir klassifika, f'ordni axxendenti, tal-voti pponderati assenjati lill-Istati Membri parteċipanti mill-Artikolu 3 tal-Protokol (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji għall-membri li jirrappreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, il-vot ipponderat medjan huwa ddefinit bħala l-vot ipponderat mezzan jekk hemm numru fard ta' Stati Membri parteċipanti, u bħala l-medja taż-żewġ numri mezzani, miżjuda sal-eqreb numru sħiħ, jekk in-numru huwa bis-sewwa. Il-voti ipponderati medjan immultiplikat għal erba' darbiet għandu jiżdied man-numru totali tal-voti pponderati tal-Istati Membri parteċipanti. In-numru tal-voti pponderati li jirriżulta għandu jikkostitwixxi n-"numru totali tal-voti pponderati".

3. Il-popolazzjoni medjana hija ddefinita skont l-istess prinċipju. Għal dan il-għan, wieħed jirrikorri għall-figuri ppubblikati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea skont l-Anness III, l-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ([5]). Il-popolazzjoni medjana tal-Istati Membri parteċipanti mmoltiplikata għal erba' darbiet għandha tiżdied mal-popolazzjoni kkombinata fl-Istati Membri parteċipanti kollha. In-numru tal-popolazzjoni li jirriżulta għandu jikkostitwixxi "il-popolazzjoni totali".

([5]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.

**DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-12 ta’ Ottubru, 1999**

**dwar ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

**(BĊE/1999/7)***

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, b’mod partikolari l-Artikli 8 u 24;

Filwaqt li biex jiġi żgurat li d-Deċiżjonijiet tal-BĊE jistgħu jiġu adottati mill-Bord Eżekuttiv f’kull ħin, jinħtieġ li jiġi stabbilit reġim għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet permezz ta’ l-użu tat-telekonferenza u reġim għad-delegazzjoni tal-poteri, biż-żewġ reġimi jippreżervaw il-prinċipju tar-responsabbilta` kollettiva tal-Bord Eżekuttiv;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artiklu 1*

**Natura Supplimentari**

Din id-Deciżjoni għandha tiżdied mar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew. It-termini f’din id-Deċiżjoni għandhom ikollhom it-tifsira li huma għandhom fir-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

---

* Din hija traduzzjoni mhux uffiċjali. Ma saret l-ebda traduzzjoni uffiċjali bil-Malti tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Eżekuttiv.

*Artiklu 2*

**Attendenza fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv**

1. Il-President għandu jaħtar membru ta' l-istaff tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħala Segretarju. Is-Segretarju għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni u l-abbozzar tal-proċedimenti sommarji tal-laqgħat kollha tal-Bord Eżekuttiv.

2. Fin-nuqqas ta' kemm il-President u l-Viċi-President, il-Bord Eżekuttiv ikun ippresiedut, fl-ewwel istanza, minn dak il-membru li jgawdi l-ogħla grad fil-kariga tal-Bord Eżekuttiv, u skond l-eta` fil-każ li jkun hemm żewġ membri jew iżjed li għandhom l-istess grad fil-kariga.

3. Il-Bord Eżekuttiv jista jistieden xi membri ta' l-istaff tal-BĊE biex jattendu l-laqgħat tiegħu.

*Artiklu 3*

**Aġenda u proċedimenti**

1. L-aġenda għal kull laqgħa għandha tiġi adottata mill-Bord Eżekuttiv. Aġenda provviżorja għandha titħejja mill-President u għandha, fil-prinċipju, tintbagħat flimkien mad-dokumenti relatati, lill-membri tal-Bord Eżekuttiv ta' lanqas jumejn ta' xogħol qabel il-laqgħa relevanti, ħlief f'emerġenzi, f'liema każ il-President għandu jaġixxi kif xieraq minħabba ċ-ċirkostanzi.

2. Il-proċedimenti sommarji tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu ppreżentati lill-membri tal-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni fil-laqgħa tagħhom li tkun tmiss (jew qabel, jekk meħtieġ, permezz tal-proċedura bil-miktub) u għandhom ikunu ffirmati miċ-ċermen.

*Artiklu 4*

**Telekonferenza**

1. Fuq it-talba tal-President, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu mill-Bord Eżekuttiv permezz ta' l-użu tat-telekonferenza, sakemm ta' lanqas żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv joġġezzjonaw. Għandu jkun hemm ċirkustanzi speċjali biex deċiżjoni tittieħed permezz ta' l-użu tat-telekonferenza. Il-President għandu jiddetermina n-natura ta' dawn iċ-ċirkostanzi u l-membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jitolbu notifika minn qabel ta' kemm tat-telekonferenza u kemm tal-kwistjoni li dwarha għandha tittieħed deċiżjoni.

2. Id-deċiżjoni milħuqa mill-President dwar iċ-ċirkustanzi speċjali u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv permezz ta' l-użu tat-telekonferenza għandhom jitniżżlu fil-proċedimenti sommarji tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv.

*Artiklu 5*

**Delegazzjoni ta' poter**

1. Il-Bord Eżekuttiv jista' jawtorizza wieħed jew iżjed mill-membri tiegħu biex jieħu, f'ismu u taħt ir-responsabbilta` tiegħu, miżuri amministrattivi jew ta' maniġment iddefiniti b'mod ċar, inkluż l-użu ta' strumenti fil-preparazzjoni għal deċiżjoni li tkun se tittieħed kollettivament mill-membri tal-Bord Eżekuttiv fi stadju aktar tard u strumenti li jimplimentaw id-deċiżjonijiet finali mittieħda mill-Bord Eżekuttiv.

2. Il-Bord Eżekuttiv jista' wkoll jistaqsi lil xi wieħed jew iżjed mill-membri tiegħu, bil-kunsens tal-President, biex jadotta (i) it-test definittiv ta' kwalunkwe strument kif iddefinit fl-Artiklu 5, paragrafu 1, bil-kundizzjoni li s-sustanza ta' dak l-istrument tkun diġa` ġiet iddeterminata f' diskussjoni, u/jew (ii) id-deċiżjonijiet finali, meta din id-delegazzjoni tinvolvi poteri eżekuttivi limitati u ddefiniti b'mod ċar, u li t-tħaddim tagħhom huwa suġġett għal reviżjoni stretta fid-dawl tal-kriterji oġġettivi stabbiliti mill-Bord Eżekuttiv.

3. Id-delegazzjonijiet u d-deċiżjonijiet adottati skond l-Artiklu 5, paragrafi 1 u 2, għandhom jitniżżlu fil-proċedimenti sommarji tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv.

4. Poteri mogħtija b'dan il-mod jistgħu jiġu sotto-delegati biss kif u meta jkun hemm dispożizzjoni speċifika għal dan il-għan fid-deċiżjoni li tawtorizza .

*Artiklu 6*

**Pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-12 ta' Ottubru, 1999.

*Il-President tal-BĊE*

Willem F. DUISENBERG

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-17 ta' ġunju, 2004**
**Li taddotta r-regoli tal-proċedura tal-kunsill ġenerali tal-bank ċentrali ewropew**
**(BĊE/2004/12)***

IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment
l-Artiklu 46.4[1],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artiklu Waħdieni*

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-1 ta' Settembru, 1998, għandhom jiġu sostitwiti b' li ġej, li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2004.

## REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-KUNSILL ĠENERALI TAL-B ANK ĊENTRALI EWROPEW

## KAPITOLU PRELIMINARI

*Artiklu 1*

**Definizzjonijiet**

Dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom iżidu mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea[2] u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. It-termini f'dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal fit-Trattat u l-iStatut.

## KAPITOLU I

## IL-KUNSILL ĠENERALI

*Artiklu 2*

**Id-data u l-post tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali**

1. Il-Kunsill Ġenerali għandu jidddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat tiegħu fuq proposta mill-President.

2. Il-President għandu jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill Ġenerali jekk it-talba biex issir laqgħa ssir mingħand mill-anqas tliet membri tal-Kunsill Ġenerali.

3. Il-President jista` wkoll isejjaħ laqgħat tal-Kunsill Ġenerali kull meta hu jidhirlu li jkun meħtieġ.

4. Il-Kunsill Ġenerali għandu normalment iżomm il-laqgħat tiegħu fil-bini tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

5. Lagħqat jistgħu wkoll isiru permezz ta' telekonferenza, sakemm mhux anqas minn tliet Gvernaturi

* ĠU L 230, 30.6.2004, pġ. 61.

1 Issa Artikolu 45.4 tal-istatut.

2 Issa t-TFUE

joġġezzjonaw.

*Artiklu 3*

**Attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali**

1. Salv kif ipprovdut f 'din id-Deċiżjoni, l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali għandha tkun limitata għall-membri tiegħu, il-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv, il-President tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u membru tal-Kummissjoni tal- Komunitajiet Ewropej[3].

2. Kull Gvernatur jista` normalment ikun akkumpanjat minn persuna waħda.

3. Jekk xi membru tal-Kunsill Ġenerali ma jkunx jista` jattendi xi laqgħa, huwa jista` jaħtar, bil-miktub, xi ħadd floku biex jattendi l-laqgħa u jivvota f 'ismu. Din il- komunikazzjoni bil-miktub għandha tintbagħat lill-President f 'ħin biżżejjed qabel il-laqgħa. Din il-persuna flok dak il-membru tal-Kunsill Ġenerali, tista` normalment tkun akkompanjata minn perunsna waħda.

4. Il-President għandu jaħtar membru mill-istaff tal-BĊE bħala Segretarju. Is-Segretarju għandu jassisti lill-President fil-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali u għandu jabbozza l-minuti ta' dawn il-laqgħat.

5. Il-Kunsill Ġenerali jista` ukoll jistieden persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu jekk jidhirlu li jkun xieraq li jagħmel dan.

*Artiklu 4*

**Votazzjoni**

1. Biex il-Kunsill Ġenerali jivvota, għandu jkun hemm kworum ta' żewġ terzi tal- membri jew tal-persuni f 'lokhom. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, il-President jista` jsejjaħ laqgħa straordinarja fejn fiha deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu mingħajr il- ħtieġa ta' kworum.

2. Sakemm ipprovdut mod ieħor fl-Istatut, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

3. Il-Kunsill Ġenerali għandu jkompli biex jivvota fuq it-talba tal-President. Il- President għandu wkoll jibda proċedura ta' votazzjoni fuq it-talba ta' kwalunkwe membru tal-Kunsill Ġenerali.

4. Deċiżjonijiet jistgħu wkoll jittieħdu bi proċedura bil-miktub, sakemm joġġezzjonaw mhux anqas minn tliet membri tal-Kunsill Ġenerali. Proċedura bil-miktub għandha teħtieġ:

(i) normalment mhux anqas minn għaxart ijiem ta' xogħol biex tiġi kkunsidrata minn kull membru tal-Kunsill Ġenerali. F'każ ta' urġenza li għandu jiġi ġġustifikat fit-talba, il-perjodu jista` jitnaqqas għal ħamest ijiem ta' xogħol; u

(ii) il-firma personali ta' kull membru tal-Kunsill Ġenerali; u

(iii) verbal ta' deċiżjoni bħal dik fil-minuti tal-laqgħa ta' wara tal-Kunsill Ġenerali.

*Artiklu 5*

**L-organizazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali**

1. Il-Kunsill Ġenerali għandu jaddotta l-aġenda għal kull laqgħa. Aġenda proviżorja għandha ttiħejja mill-President u għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti relatati, lill-membri tal-Kunsill Ġenerali u lil parteċipanti awtorizzati oħra ta' mill-anqas tmint ijiem qabel il-laqgħa, ħlief f 'emerġenzi, f 'liema każ il-President għandu jaġixxi kif ikun xieraq skond iċ-ċirkostanzi. Il-Kunsill Ġenerali jista` jiddeċiedi li jneħħi jew iżid xi punti ma' l-aġenda proviżorja fuq proposta mill- President jew minn xi membru ieħor tal-Kunsill Ġenerali. Xi punt għandu jitneħħa mill-aġenda fuq it-talba ta' mill-anqas tlieta mill-membri tal-Kunsill Ġenerali jekk id-dokumenti relatati ma jkunux ġew ippreżentati lill-membri tal-Kunsill Ġenerali fil-ħin.

3 Issa l-Kummissjoni Ewropea

2. Il-minuti tal-proċedimenti tal-Kunsill Ġenerali għandhom jiġi ppreżentati għall- approvazzjoni mill-membri tiegħu fil-laqgħa ta' wara (jew meta meħtieġ qabel permezz ta' proċedura ta' bil-miktub) u għandhom ikunu ffirmati mill-President.

## KAPITOLU II

## INVOLVIMENT TAL-KUNSILL ĠENERALI FIL-ĦIDMIET TAS-SISTEMA EWROPEA TAL-BANEK ĊENTRALI

### *Artiklu 6*

### Relazzjoni bejn il-Kunsill Ġenerali u l-Kunsill Governattiv

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet l-oħra tal-Kunsill Ġenerali, inklużi dawk skond l-Artiklu 44[4] ta' l-Istatut, il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi, partikolarment, għall-ħidmiet imniżżla fl-Artiklu 6.2 sa 6.8.

2. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-ħidmiet konsultattivi tal-BĊE skond l-Artiklu 4 u l-Artiklu 25.1 ta' l-Istatut.

3. Il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali għall-ħidmiet ta' l-istatistika tal-BĊE għandha tikkonsisti:

– fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali kollha ta' l-Unjoni Ewropea bil-għan li jsaħħu l-ħidmiet tal-BĊE fil-qasam ta' l-istatistika,

– fil-kontribuzzjoni għall-armonizzazzjoni, fejn meħtieġ, tar-regoli u l-prattiċi li jirregolaw il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-istatistika mill- banek ċentrali nazzjonali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, u

– fil-proviżjon lill-Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fil-qasam statistika, skond l-Artiklu 42[5] ta' l-Istatut, qabel ma jiġu addottatti.

4. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi biex jissodisfa l-obbligi tar-rappurtaġġ tal-BĊE skond l-Artiklu 15 ta' l-iStatut billi jipprovdi lill-Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar ir-rapport annwali qabel ma jiġi addottat.

5. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tar-regoli tal- kontabilita` u tar-rappurtaġġ ta' l-operazzjonijiet skond l-Artiklu 26.4 ta' l-iStatut billi jipprovdi lill-Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar l-abbozz tar-regoli qabel ma jiġu addottati.

6. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-addozzjoni ta' miżuri oħra fil-kuntest ta' l-Artiklu 29.4 ta' l-iStatut, billi jipprovdi lill-Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar l-abbozz tal-miżuri qabel ma jiġu addottati.

7. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg għall-istaff tal-Bank Ċentrali Ewropew billi jipprovdi lill-Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar l-abbozz tagħhom qabel ma jiġu addottati.

8. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet għall-iffissar irrevokabbli tar-rati tal-kambju skond l-Artiklu 47.3[6] ta' l-Istatut billi jipprovdi lill- Kunsill Governattiv b'osservazzjonijiet dwar:

– l-abbozz ta' opinjonijiet tal-BĊE skond l-Artiklu 123(5)[7] tat-Trattat, u

– kwalunkwe abbozz ta' opinjonijiet oħra tal-BĊE dwar atti legali tal-Kommunitajiet[8] biex jiġu addottati meta xi deroga hija rrevokata, u

---

4 Issa Artikolu 43 tal-Istatut

5 Issa Artikolu 41 tal-Istatut

6 Issa Artikolu 46.3 tal-Istatut

7 Issa Artikolu 140(3) tat-TFUE

– id-deċiżjonijiet skond paragrafu 10 tal-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[9] .

9. Kull meta l-Kunsill Ġenerali huwa mitlub biex jikkontribwixi għall-ħidmiet tal- BĊE skond il-paragrafi t'hawn fuq, huwa għandu jingħata perjodu raġonevoli ta' żmien li fih jagħmel dan, li ma ma jistax ikun anqas minn għaxart ijiem ta' xogħol. F' każ ta' urġenza li għandu jiġi ġġustifikat fit-talba, il-perjodu jista` jitnaqqas għal ħamest ijiem ta' xogħol. Il-President jista` jiddeċiedi biex juża l-proċedura bil-miktub.

10. Il-President għandu jinforma lill-Kunsill Ġenerali, skond l-Artiklu 47.4[10] ta' l-Istatut, bid-deċiżjonijiet addottati mill-Kunsill Governattiv.

*Artiklu 7*

**Relazzjoni bejn il-Kunsill Ġenerali u l-Bord Eżekuttiv**

1. Il-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għandu jingħata l-opportunita` biex jippreżenta osservazzjonijiet qabel ma l-Bord Eżekuttiv:

– jimplimenta atti legali tal-Kunsill Governattiv li, skond l-Artiklu 12.1 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali għalihom hija meħtieġa,

– jaddotta, bis-saħħa ta' setgħat iddelegati mill-Kunsill Governattiv skond l-Artiklu 12.1 ta' l-Istatut, atti legali li, skond l-Artiklu 12.1 tar-Regoli tal- Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali għalihom hija meħtieġa.

2. Kull meta l-Kunsill Ġenerali huwa mitlub biex jippreżenta osservazzjonijiet skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artiklu, huwa għandu jingħata perjodu raġonevoli ta' żmien biex jagħmel dan, li ma jistax ikun anqas minn għaxart ijiem ta' xogħol. F' każ ta' urġenza, li għandu jiġi ġġustifikat fit-talba, il-perjodu jista` jitnaqqas għal ħamest ijiem ta' xogħol. Il-President jista` jiddeċiedi li juża l-proċedura ta' bil-miktub.

*Artiklu 8*

**Is-Sistema Ewropea tal-Kumitati tal-Bank Ċentrali**

1. Il-Kunsill Ġenerali, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu, jista' jitlob l-istudji ta' suġġetti speċifiċi minn kumitati stabbiliti mill-Kunsill Governattiv skond l-Artiklu 9 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-bank ċentrali nazzjonali ta' kull Stat Membru mhux parteċipanti jista` jaħtar sa żewġ membri ta' l-istaff biex jieħdu sehem fil-laqgħat ta' xi kumitat kull meta jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam tal-kompetenza tal-Kunsill Ġenerali u kull meta l-president ta' xi kumitat u l-Bord Eżekuttiv jidhrilhom li dan huwa f 'loku.

## KAPITOLU III
## DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI SPEĊIFIĊI

*Artiklu 9*

**Strumenti legali**

1. Id-deċiżjonijiet tal-BĊE skond l-Artitklu 46.4[11] u l-Artiklu 48[12] ta' l-Istatut u skond dawn ir-Regoli tal-Proċedura, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-BĊE addottati mill-Kunsill Ġenerali skond l-Artiklu 44[13] ta' l-iStatut, għandhom ikunu iffirmati mill-President.

---

8 Issa 'Unjoni'

9 Issa Protokoll Nru 15 tat-Trattati

10 Issa Artikolu 46.4 tal-Istatut.

11 Issa Artikolu 45.4 tal-Istatut

12 Issa Artikolu 47 tal-Istatut

2. L-istrumenti legali kollha tal-BĊE huma nnumerati, innotifikati u ppubblikati skond l-Artiklu 17.7 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentali Ewropew.

*Artiklu 10*

**Kunfidenzjalita` ta' u aċċess għad-dokumenti tal-BĊE**

1. Il-proċedimenti tal-Kunsill Ġenerali, u ta' kwalunkwe kumitat jew grupp li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tiegħu, għandhom ikunu kunfidenzjali sakemm il-Kunsill Ġenerali jawtorizza lill-President biex jippubblika r-riżultat tad-dibattiti tagħhom.

2. L-aċċess pubbliku għad-dokumenti mħejjija mill-Kunsill Ġenerali, u minn kwalunkwe kumitat jew grupp li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tiegħu, għandu jkun iggvernat minn deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv addottata skond l-Artiklu 23.2 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Id-dokumenti mħejjija mill-Kunsill Ġenerali, u minn kwalunkwe kumitat jew grupp li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tiegħu, għandhom jiġu kklassifikati u ttrattati skond ir-regoli stabbiliti fiċ-Ċirkolari Amministrattiva addottata skond l-Artiklu 23.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew. Huma għandhom ikunu aċċessibbli mingħajr l-ebda restrizzjoni wara perjodu ta' 30 sena sakemm il-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet jiddeċiedu mod ieħor.

*Artiklu 11*

**Tmiem ta' l-applikabbilta`**

Meta, skond l-Artiklu 122(2)[14] tat-Trattat, id-derogi kollha jiġu rrevokati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja u meta jittieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, il-Kunsill Ġenerali għandu jiġi xolt u dawn ir-Regoli tal-Proċedura m' għandhomx japplikaw aktar.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-17 ta' Ġunju, 2004.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

---

13 Issa Artikolu 43 tal-Istatut.

14 Issa l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 140(2) tat-TFUE. L-ewwel sentenza ta' Artikolu 122(2) tat-Trattat ġiet imħassra.

# DEĊIŻJONI (UE) 2015/433 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-17 ta' Diċembru 2014

## dwar l-istabbiliment ta' Kumitat għall-Etika u r-Regoli tal-Proċedura tiegħu (BĊE/2014/59)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikoli l-Artikolu 9a tagħha,

Billi:

(1) Permezz tal-istabbiliment ta' Kumitat għall-Etika tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem il-"Kumitat għall-Etika"), il-Kunsill Governattiv jimmira li jsaħħaħ ir-regoli dwar l-etika fis-seħħ u jkompli jsaħħaħ il-governanza korporattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), tal-Eurosistema u tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU).

(2) Il-kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' governanza korporattiva u regoli dwar l-etika żdiedet matul dawn l-aħħar snin. Wara l-istabbiliment tal-MSU, il-kwistjonijiet ta' governanza saru ta' sinifikanza akbar għall-BĊE. Il-livell ogħla ta' kuxjenza pubblika u skrutinju jeħtieġ li l-BĊE jkollu fis-seħħ, u jimxi b'mod strett ma', regoli dwar l-etika mill-aktar avvanzati sabiex jissalvagwardja l-integrità tal-BĊE u jevita riskji għar-reputazzjoni tiegħu.

(3) Ir-regoli dwar l-etika għall-membri tal-korpi involuti fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE (iktar 'il quddiem id-"destinatarji") għandhom ikunu bbażati fuq l-istess prinċipji li japplikaw għal membri tal-persunal tal-BĊE u għandhom ikunu proporzjonati mar-responsabbiltajiet rispettivi tad-destinatarji. Għalhekk, id-diversi regoli li jikkostitwixxu l-qafas ta' etika tal-BĊE, jiġifieri l-Kodiċi ta' Kondotta għal-membri tal-Kunsill Governattiv ([2]), il-Kriterji Supplimentari tal-Kodiċi tal-Etika għall-membri tal-Bord Eżekuttiv ([3]), il-Kodiċi tal-Kondotta għall-membri tal-Bord Superviżorju u r-Regoli għall-Persunal tal-BĊE, għandhom jiġu interpretati b'mod koerenti.

(4) Jeħtieġ li r-regoli dwar l-etika jkunu appoġġati minn mekkaniżmi u proċeduri ta' monitoraġġ u rapportar li jaħdmu sew, sabiex tinkiseb implimentazzjoni adegwata u konsistenti fejn il-Kumitat għall-Etika jkollu rwol ewlieni.

(5) Sabiex tiġi żgurata interoperazzjoni effettiva bejn dawk l-aspetti tar-regoli dwar l-etika li prinċipalment huma relatati mal-implimentazzjoni operazzjonali u dawk li huma relatati prinċipalment ma' kwistjonijiet istituzzjonali u relatati mal-qafas, ta' mill-inqas wieħed mill-membri tal-Kumitat ta' Verifika tal-BĊE (iktar 'il quddiem "il-Kumitat ta' Verifika") għandu jkun ukoll membru tal-Kumitat għall-Etika.

(6) Il-Kumitat għall-Etika għandu jinkludi membru estern tal-Kumitat ta' Verifika. Il-membri esterni tal-Kumitat ta' Verifika jintgħażlu minn fost uffiċjali ta' grad għoli b'esperjenza fis-settur tal-banek ċentrali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment u kompożizzjoni**

1. Bil-preżenti qiegħed jiġi stabbilit Kumitat għall-Etika.

2. Il-Kumitat għall-Etika għandu jkun kompost minn tliet membri esterni, li ta' mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun membru estern tal-Kumitat ta' Verifika.

3. Il-membri tal-Kumitat għall-Etika għandhom ikunu individwi ta' reputazzjoni eċċellenti mill-Istati Membri, li l-indipendenza tagħhom tkun lil hinn minn ebda dubju u li jkunu jifhmu sew il-governanza tal-BĊE, tas-SEBĊ, tal-Eurosistema u tal-MSU. Huma m'għandhomx ikunu membri attwali ta' korpi involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE, tal-banek ċentrali nazzjonali jew tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif iddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([4]).

([1]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33.
([2]) ĠU C 123, 24.5.2002, p. 9.
([3]) ĠU C 104, 23.4.2010, p. 8.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

*Artikolu 2*

**Ħatra tal-membri**

1. Il-Kunsill Governattiv għandu jaħtar il-membri tal-Kumitat għall-Etika.

2. Il-Kumitat għall-Etika għandu jaħtar lill-President tiegħu.

3. Il-mandat tal-membri tal-Kumitat għall-Etika għandu jkun ta' tliet snin, u jista' jiġġedded darba. Il-mandati tal-membri tal-Kumitat għall-Etika li jkunu wkoll membri tal-Kumitat tal-Verifika għandhom jiskadu jekk ma jibqgħux membri tal-Kumitat tal-Verifika.

4. Il-membri tal-Kumitat għall-Etika għandhom josservaw l-ogħla standard ta' kondotta etika. Huma mistennija li jaġixxu onestament, indipendentement, imparzjalment, b'diskrezzjoni u mingħajr ma jikkunsidraw l-interessi tagħhom stess, u li jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess personali. Huma mistennija li jżommu f'moħħhom l-importanza tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Il-membri tal-Kumitat għall-Etika għandhom jastjenu minn kwalunkwe deliberazzjoni f'każijiet ta' kunflitt ta' interess ipperċepit jew potenzjali. Huma għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stipulati fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anki wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu ntemmu.

5. Il-membri tal-Kumitat għall-Etika għandhom ikunu intitolati li jirċievu ammont fiss annwali flimkien ma' ħlas għax-xogħol attwali mwettaq fuq il-bażi ta' rata fis-siegħa. L-ammont ta' dik ir-remunerazzjoni għandu jiġi ffissat mill-Kunsill Governattiv.

*Artikolu 3*

**Funzjonament**

1. Il-Kumitat għall-Etika għandu jiddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat tiegħu fuq proposta mill-President. Il-President jista' wkoll isejjaħ laqgħat tal-Kumitat għall-Etika kull meta huwa jidhirlu li dan ikun meħtieġ.

2. Fuq talba ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tiegħu, u bi ftehim mal-President, il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll permezz ta' telekonferenza u d-deliberazzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' proċedura bil-miktub.

3. Il-membri tal-Kumitat għall-Etika huma mistennija li jattendu kull laqgħa personalment. L-attendenza għal-laqgħat għandha tkun ristretta għall-membri u s-segretarju tiegħu. Madankollu, il-Kumitat għall-Etika jista' jistieden persuni oħrajn biex jattendu l-laqgħat tiegħu jekk jidhirlu li dan ikun xieraq.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jafda lil membru tal-persunal biex iwettaq il-funzjoni segretarjali tal-Kumitat għall-Etika.

5. Il-Kumitat għall-Etika għandu jkollu aċċess għal membri tal-maniġment u l-persunal kif ukoll għal dokumenti u informazzjoni li jeħtieġ sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu.

*Artikolu 4*

**Responsabbiltajiet**

1. Meta jkun ipprovdut espliċitament f'atti legali adottati mill-BĊE jew f'regoli dwar l-etika adottati mill-korpi involuti fil-proċessi tiegħu għat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kumitat għall-Etika għandu jipprovdi pariri dwar kwistjonijiet ta' etika fuq il-bażi ta' talbiet individwali.

2. Il-Kumitat għall-Etika għandu jassumi r-responsabbiltajiet assenjati lill-Konsulent għall-Etika maħtur taħt il-Kodiċi tal-Kondotta għall-membri tal-Kunsill Governattiv u r-responsabbiltajiet assenjati lill-Uffiċjal għall-Etika tal-BĊE taħt il-Kriterji Supplimentari tal-Kodiċi tal-Etika għall-membri tal-Bord Eżekuttiv.

3. Sabiex jassisti lill-Kumitat tal-Verifika biex iwettaq il-valutazzjoni tiegħu tal-adegwatezza ġenerali tal-qafas ta' konformità tal-BĊE, tas-SEBĊ, tal-Eurosistema u tal-MSU, u tal-effettività tal-proċessi għall-monitoraġġ tal-konformità, il-Kumitat għall-Etika għandu jirrapporta lill-Kumitat tal-Verifika fuq il-parir li jkun ipprovda u l-grad safejn dak il-parir ikun ġie implimentat.

4. Il-Kumitat għall-Etika għandu jirrapporta annwalment lill-Kunsill Governattiv dwar il-ħidma li tkun saret. Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Etika għandu jirrapporta lill-Kunsill Governattiv kull meta jidhirlu li dan ikun xieraq u/jew ikun meħtieġ li jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu.

5. Minbarra r-responsabbiltajiet stipulati f'dan l-Artikolu, il-Kumitat għall-Etika jista' jwettaq attivitajiet oħrajn relatati ma' dan il-mandat, jekk jintalab jagħmel hekk mill-Kunsill Governattiv.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-parir**

Id-destinatarji tal-parir tal-Kumitat għall-Etika għandhom jinfurmaw lill-Kumitat għall-Etika dwar l-implimentazzjoni tal-parir tal-Kumitat għall-Etika.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Diċembru 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

# IR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-BORD SUPERVIŻORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW[*]

IL-BORD SUPERVIŻORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]), u b'mod partikoli l-Artikolu 19 tagħha,

ADOTTA DAWN IR-REGOLI TAL-PROĊEDURA:

## KAPITOLU PRELIMINARI

*Artikolu 1*

### Natura supplimentari

Dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jissupplimentaw ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew. It-termini użati f'dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fir-regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## KAPITOLU I

## IL-BORD SUPERVIŻORJU

*Artikolu 2*

### Laqgħat tal-Bord Superviżorju

2.1. Il-Bord Superviżorju għandu jiddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat tiegħu fuq proposta mill-President. Il-Bord Superviżorju għandu, fil-prinċipju, jiltaqa' regolarment skont skeda li huwa għandu jiddeċiedi fi żmien biżżejjed qabel il-bidu ta' kull sena kalendarja.

2.2. Il-President għandu jsejjaħ laqgħa tal-Bord Superviżorju jekk tiġi ppreżentata talba biex issir laqgħa minn tal-inqas tlieta mill-membri tiegħu.

2.3. Il-President jista' wkoll isejjaħ laqgħat tal-Bord Superviżorju kull meta huwa jidhirlu li dan ikun meħtieġ. F'dawn il-każijiet, dan għandu jiġi speċifikat fin-nota ta' trasmissjoni.

2.4. Fuq talba tal-President, id-deliberazzjonijiet tal-Bord Superviżorju jistgħu jsiru wkoll permezz ta' telekonferenza, ħlief jekk issir oġġezzjoni minn tal-inqas tliet membri tal-Bord Superviżorju.

*Artikolu 3*

### Attendenza għal-laqgħat tal-Bord Superviżorju

3.1. Ħlief kif ipprovdut f'dawn ir-Regoli, l-attendenza għal-laqgħat tal-Bord Superviżorju għandha tkun ristretta għall-membri tiegħu u, meta l-awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx il-bank ċentrali nazzjonali, għar-rappreżentant tal-bank ċentrali nazzjonali.

---

(*) ĠU L 182, 21.6.2014. Regoli ta' Proċedura kif emendati mill-Emenda 1/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 68, 13.3.2015) – verżjoni mhux uffiċjali konsolidata.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

([2]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33.

3.2. Kull rappreżentant tal-awtorità nazzjonali kompetenti jista' normalment ikun akkumpanjat minn persuna waħda. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx il-bank ċentrali nazzjonali, dan il-paragrafu għandu japplika għar-rappreżentant li jkollu d-dritt tal-vot. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll f'każ ta' attendenza minn supplent, kif ipprovdut fl-Artikolu 3.3.

3.3. Jekk rappreżentant ta' awtorità nazzjonali kompetenti jew, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx il-bank ċentrali nazzjonali, rappreżentant tal-bank ċentrali nazzjonali, ma jkunx jista' jattendi, huwa għandu jaħtar supplent bil-miktub biex jattendi u jużа d-dritt tal-vot tiegħu kif applikabbli, ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor fil-komunikazzjoni bil-miktub. Din il-komunikazzjoni bil-miktub għandha tintbagħat lill-President f'ħin bizzejjed qabel il-laqgħa.

3.4. Fin-nuqqas kemm tal-President kif ukoll tal-Viċi President, il-Bord Superviżorju għandu jkun ippresedut mill-aktar membru anzjan tal-Bord Superviżorju, fl-ewwel lok skont kemm ikun ilu membru, u skont l-età f'każ fejn żewġ membri jew aktar ikun ilhom membri għall-istess tul ta' żmien.

3.5. Fuq stedina mill-President, rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u/jew rappreżentant tal-Awtorità Bankarja Ewropea jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat bħala osservaturi. Il-President għandu jistieden lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-Awtorità Bankarja Ewropea jekk talba għal tali stedina tiġi ppreżentata minn tal-inqas tliet membri tal-Bord Superviżorju. B'applikazzjoni tal-istess regoli, il-Bord Superviżorju jista' jistieden ukoll lil persuni oħrajn biex jattendu għal-laqgħat tiegħu jekk jidhirlu li huwa xieraq li jsir dan.

*Artikolu 4*

**Organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bord Ġenerali**

4.1. Il-Bord Superviżorju għandu jadotta l-aġenda għal kull laqgħa. Aġenda provizorja għandha titħejja mill-President u għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti relatati, lill-membri tal-Bord Superviżorju tal-anqas ħamest ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa relevanti, ħlief f'każijiet ta' emerġenza, f'liema kaz il-President għandu jaġixxi kif ikun xieraq skont iċ-ċirkostanzi. Il-Bord Superviżorju jista' jiddeċiedi li jneħħi jew iżid punti mal-aġenda provviżorja fuq proposta mill-President jew minn kwalunkwe membru ieħor tal-Bord Superviżorju. Ħlief f'każ ta' emerġenzi, punt għandu jitneħħa mill-aġenda provviżorja fuq talba ta' mill-anqas tliet membri tal-Bord Superviżorju jekk id-dokumenti relatati ma jkunux ġew ippreżentati lill-membri tal-Bord Superviżorju fil-ħin.

4.2. Il-minuti tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju għandhom jiġi ppreżentati għall-approvazzjoni mill-membri tiegħu fil-laqgħa ta' wara (jew jekk meħtieġ qabel permezz ta' proċedura bil-miktub) u għandhom ikunu ffirmati mill-President.

*Artikolu 5*

**Aċċess għall-informazzjoni**

Il-membri kollha tal-Bord Superviżorju għandhom ikollhom aċċess regolari għal informazzjoni aġġornata dwar l-istituzzjonijiet meqjusin bħala sinifikanti skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. L-informazzjoni disponibbli lill-membri tal-Bord Superviżorju għandha tinkludi partiti ta' informazzjoni ewlenin li jippermettu għarfien tajjeb ta' dawn l-istituzzjonijiet. Il-Bord Superviżorju jista' jadotta mudelli interni għall-iskambju ta' informazzjoni għal dan l-iskop.

*Artikolu 6*

**Votazzjoni**

6.1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet ta' kull Stat Membru parteċipanti għandhom jitqiesu flimkien bħala membru wieħed.

6.2. Ħlief jekk ikun indikat espressament mod ieħor bil-miktub mill-awtorità nazzjonali kompetenti, id-dritt tal-vot għandu jiġi eżerċitat mir-rappreżentant tal-awtorità kompetenti nazzjonali jew is-supplent tiegħu skont l-Artikolu 3.3.

6.3. Sabiex ikun jista' jittieħed vot fi ħdan il-Panel ta' Medjazzjoni, għandu jkun hemm kworum ta' zewġ terzi tal-membri tiegħu. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, il-President jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja li fiha l-membri jistgħu jivvutaw mingħajr ma jitqies il-kworum.

6.4. Il-Panel ta' Medjazzjoni għandu jipproċedi biex jivvota fuq talba tal-President. Il-President għandu jagħti bidu wkoll għal proċedura ta' votazzjoni fuq talba minn tliet membri tal-Panel ta' Medjazzjoni.

6.5. Ħlief fejn jipprovdi mod ieħor ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-Bord Superviżorju għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu li jkollhom dritt ta' vot. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. F'każ ta' parità, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, japplikaw ir-regoli tal-votazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 13c tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

6.6. Il-President jista' jibda votazzjoni sigrieta jekk jintalab jagħmel hekk minn tal-inqas tliet membri tal-Bord Superviżorju li jkollhom dritt għal vot.

6.7. Il-votazzjoni tista' ssir ukoll bi proċedura bil-miktub, sakemm ma joġġezzjonawx tal-inqas tliet membri tal-Bord Superviżorju li jkollhom dritt għal vot. F'dak il-każ, il-punt għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Bord Superviżorju. Proċedura bil-miktub normalment tkun tirrikjedi mhux inqas minn ħamest ijiem tax-xogħol għall-kunsiderazzjoni minn kull membru tal-Bord Superviżorju u rekord ta' tali deliberazzjonijiet fil-proċedimenti tal-laqgħa sussegwenti tal-Bord Superviżorju. In-nuqqas ta' vot espliċitu minn membru tal-Bord Superviżorju fi proċedura bil-miktub għandu jitqies bħala approvazzjoni.

*Artikolu 7*

## Emerġenzi

7.1. F'każijiet ta' emerġenza, il-President jew, fin-nuqqas tiegħu jew tagħha, il-Viċi President, għandu jlaqqa' l-Bord Superviżorju fil-ħin biex jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa, kif ikun xieraq anki permezz ta' telekonferenzi b'deroga mill-Artikolu 2.4. Meta jsejjaħ laqgħa bħal din, il-President jew, fin-nuqqas tiegħu jew tagħha, il-Viċi President għandu jagħmilha ċara fl-ittra ta' stedina li, b'deroga mill-Artikolu 6.3, jekk kworum ta' 50 % għal deċiżjonijiet ta' emerġenza ma jintlaħaqx, il-laqgħa tiġi xolta u minnufih wara tinfetaħ laqgħa straordinarja fejn id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-kworum.

7.2. Il-Bord Superviżorju jista' jistabbilixxi iktar regoli interni fuq l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u miżuri oħrajn f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

*Artikolu 8*

## Delega ta' poter

8.1. Il-Bord Superviżorju jista' jawtorizza lill-President jew lill-Viċi President biex jieħu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, miżuri ta' maniġment jew amministrattivi ddefiniti sew, inkluż l-użu ta' strumenti bi tħejjija għal deċiżjoni li għandha titieħed kollettivament mill-membri tal-Bord Superviżorju f'xi żmien wara u l-istrumenti li jimplimentaw id-deċiżjonijiet finali meħudin mill-Bord Superviżorju.

8.2. Il-Bord Superviżorju jista' jitlob wkoll lill-President jew lill-Viċi President biex jadotta (i) it-test definittiv ta' kwalunkwe strument kif iddefinit fl-Artikolu 8.1 bil-kundizzjoni li s-sustanza ta' tali strument tkun diġà ġiet iddeterminata fid-diskussjoni, u/jew (ii) deċiżjonijiet finali, fejn tali delega tinvolvi poteri eżekuttivi limitati u ddefiniti b'mod ċar, li l-eżerċizzju tagħhom huwa suġġett għal rieżami strett fid-dawl tal-kriterji oġġettivi stabbiliti mill-Bord Superviżorju.

8.3. Id-delegi u d-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikoli 8.1 u 8.2 għandhom jiġu rrekordjati fil-proċedimenti tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju.

KAPITOLU II

## KUMITAT TA' TMEXXIJA

*Artikolu 9*

## Il-Kumitat ta' Tmexxija

Qiegħed jiġi stabbilit Bord Superviżorju skont l-Artikolu 26(10) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

*Artikolu 10*

**Mandat**

10.1. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jappoġġa l-attivitajiet tal-Bord Superviżorju u għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju.

10.2. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jeżegwixxi l-kompiti preparatorji tiegħu fl-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali u għandu jaħdem fi trasparenza sħiħa mal-Bord Superviżorju.

*Artikolu 11*

**Kompożizzjoni u ħatra ta' membri**

11.1. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn tmien membri tal-Bord Superviżorju: il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju, rappreżentant wieħed tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u ħames rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

11.2. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkun ippresedut mill-President tal-Bord Superviżorju jew, fin-nuqqas eċċezzjonali tal-President, mill-Viċi President.

11.3. Il-Bord Superviżorju għandu jaħtar ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jiġi żgurat bilanċ ġust u rotazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Bord Superviżorju għandu jsegwi sistema ta' rotazzjoni li biha l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġu allokati lil erba' gruppi, skont klassifikazzjoni bbażata fuq assi totali bankarji kkonsolidati fl-Istat Membru parteċipanti rilevanti. Kull grupp għandu jkollu minimu ta' membru wieħed fuq il-Kumitat ta' Tmexxija. Il-Bord Superviżorju għandu jirrieżamina dawn il-gruppi fuq bażi annwali jew kull meta Stat Membru jadotta l-euro jew jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE. Ir-rotazzjoni tal-membri fi ħdan kull grupp għandha ssegwi l-ordni alfabetika tal-ismijiet tal-Istati Membri parteċipanti fl-ilsna nazzjonali tagħhom. Il-klassifikazzjoni tal-awtoritjaiet nazzjonali kompetenti fi gruppi u l-għoti ta' siġġijiet fil-Kumitat ta' Tmexxija lill-gruppi huma stabbiliti fl-Anness.

11.4. Il-mandat tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala membri tal-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkun ta' sena.

11.5. Il-President għandu jaħtar ir-rappreżentanti tal-BĊE fil-Kumitat ta' Tmexxija minn fost l-erba' rappreżentanti tal-BĊE fuq il-Bord Superviżorju u jiddetermina l-mandat rispettiv tagħhom.

11.6. Il-lista ta' membri tal-Kumitat ta' Tmexxija għandha tiġi ppubblikata u aġġornata regolarment.

*Artikolu 12*

**Laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija**

12.1. Id-dati tal-laqgħat għandhom jiġu deċiżi mill-Kumitat ta' Tmexxija fuq proposta mill-President. Il-President jista' wkoll isejjaħ laqgħat tal-Bord Superviżorju kull meta huwa jidhirlu li dan ikun meħtieġ. Fuq talba tal-President, il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jiltaqa' wkoll permezz ta' telekonferenzi, sakemm tal-inqas żewġ membri tal-Kumitat tat-Tmexxija ma joġġezzjonawx.

12.2. L-aġenda għal kull laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija għandha tiġi proposta mill-President u adottata fil-bidu tal-laqgħa mill-Kumitat ta' Tmexxija. Il-Membri kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija jistgħu jipproponu punti u dokumenti lill-President għall-kunsiderazzjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija.

12.3. L-aġenda ta' kwalunkwe laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija għandha tkun disponibbli qabel tali laqgħa għall-membri kollha tal-Bord Superviżorju. Il-minuti ta' kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom ikunu disponibbli lill-membri kollha tal-Bord Superviżorju qabel il-laqgħa sussegwenti tal-Bord Superviżorju.

12.4. Fuq proposta mill-President, il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jiddeċiedi li jistieden membru wieħed jew iżjed mill-membri l-oħra tal-Bord Superviżorju biex jattendu laqgħa tiegħu sħiħa jew parti minnha. Meta jiġu diskussi kwistjonijiet speċifiċi relatati ma' istituzzjoni ta' kreditu individwali, għandu jiġi mistieden ir-rappreżentant tal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti fejn tinsab dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONI FINALI

*Artikolu 13*

### Dħul fis-seħħ

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Marzu 2014.

*Il-President tal-Bord Superviżorju*

Danièle NOUY

---

*ANNESS*

## SISTEMA TA' ROTAZZJONI

Għall-finijiet tal-Artikolu 11.3, is-sistema ta' rotazzjoni li ġejja għandha tapplika, fuq il-bażi tad-dejta sal-31 ta' Diċembru 2014:

| Grupp | Stat Membru parteċipanti | Numru ta' siġġijiet fil-Kumitat ta' Tmexxija |
|---|---|---|
| 1 | DE<br>FR | 1 |
| 2 | ES<br>IT<br>NL | 1 |
| 3 | BE<br>IE<br>EL<br>LU<br>AT<br>PT<br>FI | 2 |
| 4 | EE<br>CY<br>LV<br>LT<br>MT<br>SI<br>SK | 1 |

# DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-17 ta' Settembru 2014

## dwar l-implimentazzjoni ta' separazzjoni bejn il-funzjonijiet ta' politika monetarja u ta' superviżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew

## *(BĊE/2014/39)*

(2014/723/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament MSU") jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) kompost mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) tal-Istati Membri parteċipanti.

(2) L-Artikolu 25(2) tar-Regolament MSU jitlob li l-BĊE jwettaq il-kompiti supervi\orji tiegħu mingħajr preġudizzju għal u b'mod separat mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u kwalunkwe kompitu ieħor. Il-kompiti superviżorji tal-BĊE la għandhom jinterferixxu ma', u lanqas jiġu determinati mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja. Barra minn hekk, dawn il-kompiti superviżorji m'għandhomx jinterferixxu mal-kompiti tal-BĊE relatati mal-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku (BERS) jew kwalunkwe kompitu ieħor. Il-BĊE huwa meħtieġ li jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif ikkonforma ma' din id-dispożizzjoni. Il-kompiti superviżorji tal-BĊE ma jistgħux ibiddlu l-monitoraġġ kontinwu tas-solvenza tal-kontropartijiet tiegħu fil-politika monetarja. Barra minn hekk, il-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti superviżorji għandu jkun separat mill-aspett organizzattiv mill-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti oħrajn mogħtija lill-BĊE u soġġetti għal linji ta' rapportar separati.

(3) L-Artikolu 25(3) tar-Regolament MSU jeħtieġ li l-BĊE, għall-finijiet tal-Artikolu 25(1) u (2), jadotta u jippubblika kwalunkwe regola interna neċessarja, inklużi regoli li jirrigwardaw is-segretezza professjonali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ oqsma funzjonali.

(4) L-Artikolu 25(4) tar-Regolament MSU jeħtieġ li l-BĊE jiżgura li l-operat tal-Kunsill Governattiv ikun kompletament differenzjat fir-rigward tal-funzjonijiet monetarji u superviżorji. Dak id-differenzjament għandu jinkludi separazzjoni stretta bejn il-laqgħat u l-aġendi.

(5) Sabiex tiġi żgurata separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji, l-Artikolu 25(5) tar-Regolament MSU jeħtieġ li l-BĊE jistabbilixxi panel ta' medjazzjoni sabiex jirrisolvi d-differenzi fl-opinjonijiet li jesprimu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti kkonċernati fir-rigward ta' oġġezzjoni mill-Kunsill Governattiv għal abbozz ta' deċiżjoni mill-Bord Superviżorju. Dan għandu jinkludi membru wieħed minn kull Stat Membru parteċipanti, magħżul minn kull Stat Membru minn fost il-membri tal-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju. Id-deċiżjonijiet tiegħu għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi, b'kull membru jkollu vot wieħed. Il-BĊE huwa obbligat li jadotta u jippubblika regolament li jistabbilixxi l-panel ta' medjazzjoni u r-regoli ta' proċedura tiegħu; f'dak il-kuntest, il-BĊE adotta r-Regolament (UE) Nru 673/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/26) ([2]).

(6) Ir-Regoli tal-Proċedura ġew emendati ([3]) sabiex l-organizzazzjoni interna tal-BĊE u l-korpi tiegħu responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġu aġġustati għar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mir-Regolament MSU u sabiex tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn il-korpi involuti fil-proċess tat-tħejjija u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet superviżorji.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) Regolament (UE) Nru 673/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat- 2 ta' Ġunju 2014 dwar l-istabbiliment ta' Panel ta' Medjazzjoni u r-Regoli ta' Proċedura Tiegħu (BĊE/2014/26) (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 72).
([3]) Deċiżjoni BĊE/2014/1 tat-22 ta' Jannar 2014 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 95, 29.3.2014, p. 56).

(7) L-Artikoli 13g sa 13j tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE jipprovdu dettalji dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill Governattiv dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament MSU. B'mod partikolari, l-Artikolu 13g jikkonċerna l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet għall-iskop tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament MSU, u l-Artikolu 13h jikkonċerna l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet għall-iskop tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament MSU, li jimplimenta r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26(8) tar-Regolament MSU.

(8) L-Artikolu 13k tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE jipprovdi li l-BĊE għandu jwettaq kompiti superviżorji mingħajr preġudizzju għall-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u kwalunkwe kompitu ieħor, u b'mod separat minnhom. F'dan ir-rigward, il-BĊE huwa meħtieġ li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura separazzjoni bejn funzjonijiet tiegħu ta' politika monetarja u superviżorji. Fl-istess ħin, is-separazzjoni tal-politika monetarja u l-funzjonijiet superviżorji ma għandhiex tipprekludi l-iskambju bejn dawn iż-żewġ oqsma ta' informazzjoni funzjonali li huma neċessarji għall-kisba tal-kompiti tal-BĊE u tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ).

(9) L-Artikolu 13l tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE jipprovdi li l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv dwar il-kompiti superviżorji għandhom iseħħu separatament minn laqgħat regolari tal-Kunsill Governattiv u jkollhom aġendi separati.

(10) Skont l-Artikolu 13m tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE dwar l-istruttura interna tal-BĊE fir-rigward tal-kompiti superviżorji, il-kompetenza tal-Bord Eżekuttiv fir-rigward tal-istruttura interna u l-persunal tal-BĊE tinkludi kompiti superviżorji. Il-Bord Eżekuttiv għandu jikkonsulta lill-President u lill-Viċi President tal-Bord Superviżorju dwar l-istruttura interna tiegħu. Il-Bord Superviżorju, bi qbil mal-Bord Eżekuttiv, jista' jistabbilixxi u jxolji substruttura ta' natura temporanja, bħal gruppi ta' ħidma jew task forces. Dawn għandhom jgħinu f'ħidma li tirrgwarda kompiti superviżorji u jirrapportaw lill-Bord Superviżorju. L-Artikolu 13m jipprovdi wkoll għall-ħatra tas-Segretarju tal-Bord Superviżorju u l-Kumitat ta' Tmexxija mill-President tal-BĊE, wara li jkun ikkonsulta lill-President tal-Bord Superviżorju. Is-Segretarju għandu jikkoordina mas-Segretarju tal-Kunsill Governattiv meta jħejji l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv fir-rigward tal-kompiti superviżorji u jkun responsabbli għall-abbozzar tal-minuti ta' dawn il-laqgħat.

(11) Il-Premessa 66 tar-Regolament MSU tgħid li s-separazzjoni organizzattiva tal-persunal għandha tikkonċerna s-servizzi kollha meħtieġa għal skopijiet ta' politika monetarja indipendenti u għandha tiżgura li l-eżerċitar tal-kompiti superviżorji jkun totalment soġġett għal kontabilità u sorveljanza demokratiċi kif ipprovdut fir-Regolament MSU. Il-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti superviżorji għandu jirrapporta lill-President tal-Bord Superviżorju. Fi ħdan dan il-qafas, sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament MSU ([4]), il-BĊE stabbilixxa struttura ta' erba' Direttorati Ġenerali għat-twettiq ta' kompiti superviżorji u Segretarjat għall-Bord Superviżorju, li jirrapporta funzjonalment lill-President u lill-Viċi President tal-Bord Superviżorju. Il-BĊE identifika ulterjorment bosta oqsma ta' negozju biex jipprovdu appoġġ kemm lill-funzjoni tal-politika monetarja kif ukoll dik superviżorja tal-BĊE bħala servizzi kondiviżi, fejn dak l-appoġġ ma jwassalx għal kunflitti ta' interess bejn l-objettivi superviżorji u tal-politika monetarja tal-BĊE. Taqsimiet iddedikati għal kompiti superviżorji ġew stabbiliti fi ħdan bosta oqsma ta' negozju b' "servizz kondiviż".

(12) L-Artikolu 37 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jistabbilixxi l-obbligu ta' segretezza professjonali għal membri tal-korpi governattivi u l-persunal tal-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali. Il-Premessa 74 tar-Regolament MSU tipprovdi li l-Bord Superviżorju, il-kumitat ta' tmexxija u l-persunal tal-BĊE li jwettqu dmirijiet superviżorji għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa ta' segretezza professjonali. L-Artikolu 27 tar-Regolament MSU jestendi l-obbligu ta' segretezza professjonali għal membri tal-Bord Superviżorju, u persunal issekondat mill-Istati Membri parteċipanti li jwettqu dmirijiet superviżorji.

(13) L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-funzjoni ta' politika monetarja u dik superviżorja tal-BĊE għandu jiġi organizzat b'konformità stretta mal-limiti stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni ([5]), waqt li jitqies il-prinċipju ta' separazzjoni. L-obbligi li jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali, kif stipulat f'liġijiet u regolamenti applikabbli, bħar-Regolament

([4]) Ara wkoll il-premessa O tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċitar ta' kontabilità u superviżjoni demokratiċi fuq l-eżerċitar tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fil-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (2013/694/UE) (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1); u l-premessa G tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kooperazzjoni dwar proċeduri relatati mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU).

([5]) Ara l-premessa H tal-Ftehim Interistituzzjonali. Skont il-Premessa 74 tar-Regolament MSU, ir-rekwiżiti għall-iskambju ta' informazzjoni mal-persunal mhux involut f'attivitajiet superviżorji ma għandhomx iżommu lill-BĊE milli jiskambja informazzjoni fi ħdan il-limiti u taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relevanti, inkluż mal-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti tagħha taħt l-Artikoli 107 u 108 TFUE u taħt il-liġi tal-Unjoni dwar sorveljanza ekonomika u baġitarja mtejba.

tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([6]) dwar il-ġbir ta' dejta statistika kunfidenzjali u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) dwar l-iskambju ta' informazzjoni superviżorja, għandhom japplikaw. Soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, il-prinċipju ta' separazzjoni japplika għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali kemm mill-politika monetarja għall-funzjoni superviżorja kif ukoll mill-funzjoni superviżorja għal dik tal-politika monetarja tal-BĊE.

(14) Skont il-premessa 65 tar-Regolament MSU, il-BĊE huwa responsabbli biex iwettaq funzjonijiet tal-politika monetarja bil-għan li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 127(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-objettiv tal-kompiti superviżorji tiegħu huwa li jiġu protetti s-sigurtà u s-sodezza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabilità tas-sistema finanzjarja. Dawn b'hekk għandhom jitwettqu b'separazzjoni sħiħa mill-funzjoni tal-politika monetarja sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess u sabiex jiġi żgurat li kull waħda minn dawn il-funzjonijiet ta' politika tiġi eżerċitata skont l-objettivi partikolari tagħha. Fl-istess ħin, separazzjoni effettiva bejn il-funzjoni tal-politika monetarja u dik superviżorja ma għandhiex tipprevjeni l-kisba, kull fejn ikun possibbli u mixtieq, tal-benefiċċji kollha mistennija bħala riżultat tal-għaqda ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet ta' politika fi ħdan l-istess istituzzjoni, inkluż l-użu tal-ħila esperta estensiva tal-BĊE dwar kwistjonijiet makroekonomiċi u ta' stabilità finanzjarja u t-tnaqqis tax-xogħol doppju meta tinġabar l-informazzjoni. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jippermettu fluss adegwat ta' dejta u informazzjoni kunfidenzjali oħra bejn iż-żewġ funzjonijiet tal-politika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni u objettivi**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-arranġamenti li jikkonformaw mar-rekwiżit li tiġi sseparata l-funzjoni tal-politika monetarja tal-BĊE mill-funzjoni superviżorja tiegħu (flimkien imsejħa "il-funzjonijiet ta' politika"), b'mod partikolari b'ħarsien tas-segretezza professjonali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ funzjonijiet ta' politika.

2. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu mingħajr preġudizzju għall-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u kwalunkwe kompitu ieħor, u b'mod separat minnhom. Il-kompiti superviżorji tal-BĊE la għandhom jinterferixxu mal-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u lanqas m'għandhom jinterferixxu magħha. Barra minn hekk, dawn il-kompiti superviżorji m'għandhomx jinterferixxu mal-kompiti tal-BĊE relatati mal-BERS jew kwalunkwe kompitu ieħor. Il-kompiti superviżorji tal-BĊE u l-monitoraġġ kontinwu tas-sodezza finanzjarja u s-solvenza tal-kontropartijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandhom jiġu artikulati b'tali mod li ma jwassalx għal distorsjoni tal-għan finali ta' xi waħda minn dawn il-funzjonijiet.

3. Il-BĊE għandu jiżgura li l-operat tal-Kunsill Governattiv ikun kompletament differenzjat fir-rigward tal-funzjonijiet monetarji u superviżorji. Dak id-differenzjament għandu jinkludi separazzjoni stretta bejn il-laqgħat u l-aġendi.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(1) "informazzjoni kunfidenzjali" tfisser informazzjoni kklassifikata bħala "ECB-CONFIDENTIAL" jew "ECB-SECRET" taħt ir-reġim tal-kunfidenzjalità tal-BĊE; informazzjoni kunfidenzjali oħra, inkluża informazzjoni koperta minn regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta jew mill-obbligu ta' segretezza professjonali, maħluqa fi ħdan il-BĊE jew mgħoddija lilu minn korpi jew individwi oħrajn; kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali oħra li taqa' taħt ir-regoli dwar is-segretezza professjonali tad-Direttiva 2013/36/UE; kif ukoll informazzjoni statistika kunfidenzjali skont ir-Regolament (KE) 2533/98;

(2) "ħtieġa ta' għarfien" tfisser il-ħtieġa li wieħed ikollu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali neċessarja għat-twettiq ta' funzjoni statutorja jew kompitu tal-BĊE, li fil-każ ta' informazzjoni mmarkata bħala "ECB-CONFIDENTIAL" għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tippermetti lill-persunal biex jaċċessaw informazzjoni relevanti għall-kompiti tagħhom u jassumu responsabbiltà għal kompiti mingħand kollegi bl-inqas dewmien possibbli;

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p. 23).

([7]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(3) "dejta primarja" tfisser dejta mibgħuta minn aġenti li jirrapportaw, wara proċessar statistiku u validazzjoni, jew dejta iġġenerata mill-BĊE permezz tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu;

(4) "Reġim ta' Kunfidenzjalità tal-BĊE" tfisser ir-reġim tal-BĊE li jiddefinixxi kif għandha tiġi kklassifikata, immaniġġjata u protetta informazzjoni kunfidenzjali tal-BĊE.

*Artikolu 3*

**Separazzjoni organizzattiva**

1. Il-BĊE għandu jżomm proċeduri awtonomi għat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-funzjonijiet tiegħu superviżorji u tal-politika monetarja.

2. L-unitajiet tax-xogħol kollha tal-BĊE għandhom jitqiegħdu taħt id-direzzjoni maniġerjali tal-Bord Eżekuttiv. Il-kompetenza tal-Bord Eżekuttiv fir-rigward tal-istruttura interna tal-BĊE u l-persunal tal-BĊE għandha tinkludi l-kompiti superviżorji. Il-Bord Eżekuttiv għandu jikkonsulta l-President u l-Viċi-President tal-Bord Superviżorju fuq din l-istruttura interna.

3. Il-persunal tal-BĊE involut fit-twettiq ta' kompiti superviżorji għandu jkun separat mill-aspett organizzattiv mill-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti oħrajn mogħtija lill-BĊE. Persunal involut fit-twettiq ta' kompiti superviżorji għandu jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv fir-rigward ta' kwistjonijiet organizzattivi, relatati ma' riżorsi umani u amministrattivi, iżda għandu jkun soġġett għal rapportar funzjonali lill-Presidenza u l-Viċi Presidenza tal-Bord Superviżorju, soġġett għall-eċċezzjoni fil-paragrafu 4.

4. Il-BĊE jista' jistabbilixxi servizzi kondiviżi li jipprovdu appoġġ kemm lill-funzjoni tal-politika monetarja kif ukoll dik superviżorja sabiex jiġi żgurat li dawn il-funzjonijiet ta' appoġġ ma jkunux idduplikati, sabiex b'hekk jgħin biex jiġi ggarantit għoti effiċjenti u effettiv ta' servizzi. Dawk is-servizzi ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikolu 6 fir-rigward ta' kwalunkwe skambju ta' informazzjoni minnhom mal-funzjonijiet ta' politika relevanti.

*Artikolu 4*

**Segretezza professjonali**

1. Il-Membri tal-Bord Superviżorju, tal-Kumitat ta' Tmexxija u ta' kwalunkwe sottostruttura oħra stabbilita mill-Bord Superviżorju, persunal tal-BĊE u issekondat mill-Istati Membri parteċipanti li jwettqu dmirijiet superviżorji għandhom ikunu meħtieġa, anki wara li jkunu ntemmu d-dmirijiet tagħhom, biex ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip li taqa' taħt is-segretezza professjonali.

2. Persuni li jkollhom aċċess għal dejta li taqa' taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timponi obbligu ta' segretezza għandhom ikunu soġġetti għal dik il-leġiżlazzjoni.

3. Il-BĊE għandu jissoġġetta lil individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, relatat mal-qadi ta' dmirijiet superviżorji għal rekwiżiti ekwivalenti ta' segretezza professjonali permezz ta' arranġamenti kuntrattwali.

4. Ir-regoli dwar is-segretezza professjonali li jinsabu fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom japplikaw għall-persuni speċifikati fil-paragrafi 1 sa 3. B'mod partikolari, informazzjoni kunfidenzjali li dawk il-persuni jistgħu jirċievu matul il-qadi ta' dmirijiethom tista' tiġi żvelata biss f'forma sommarja jew aggregata b'tali mod li istituzzjonijiet ta' kreditu individwali ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, mingħajr preġudizzju għal każijiet li jaqgħu taħt il-liġi kriminali.

5. Madankollu, meta istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet iddikjarata falluta jew tkun qiegħda tiġi stralċata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax terzi involuti f'tentattivi biex isalvaw lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tiġi żvelata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali.

6. Dan l-Artikolu ma għandux iwaqqaf il-funzjoni superviżorja tal-BĊE milli tiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn tal-Unjoni jew nazzjonali b'mod konformi mal-liġi tal-Unjoni applikabbli. Informazzjoni skambjata b'dan il-mod għandha tkun soġġetta għall-paragrafi 1 sa 5.

7. Ir-reġim ta' kunfidenzjalità tal-BĊE għandu japplika għall-membri tal-Bord Superviżorju tal-BĊE, persunal tal-BĊE u persunal issekondat minn Stati Membri parteċipanti li jwettqu dmirijiet superviżorji, anki wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.

*Artikolu 5*

**Prinċipji ġenerali għall-aċċess għal informazzjoni bejn il-funzjonijiet ta' politika u klassifikazzjoni**

1. Minkejja l-Artikolu 4, l-informazzjoni tista' tiġi skambjata bejn il-funzjonijiet ta' politika sakemm dan ikun permess taħt il-liġi tal-Unjoni relevanti.

2. Informazzjoni ħlief għal dejta primarja għandha tiġi kklassifikata skont ir-reġim ta' kunfidenzjalità tal-BĊE mill-funzjoni ta' politika tal-BĊE li tkun il-proprjetarja tal-informazzjoni. Dejta primarja għandha tiġi kklassifikata b'mod separat. L-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali bejn iż-żewġ funzjonijiet ta' politika għandu jkun soġġett għar-regoli ta' governanza u proċedurali stipulati għal dan l-iskop, u għal rekwiżit tal-ħtieġa ta' għarfien, li għandu jintwera mill-funzjoni ta' politika tal-BĊE li tagħmel it-talba.

3. Aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali mill-funzjoni ta' politika superviżorja jew monetarja mill-funzjoni rispettiva tal-politika l-oħra għandu jiġi ddeterminat mill-funzjoni ta' politika tal-BĊE li tkun il-proprjetarja tal-informazzjoni skont ir-reġim ta' kunfidenzjalità tal-BĊE, sakemm ma jingħadx mod ieħor f'din id-Deċiżjoni. F'każ ta' kunflitt bejn iż-żewġ funzjonijiet ta' politika tal-BĊE fir-rigward ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali, l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali għandu jiġi ddeterminat mill-Bord Eżekuttiv b'mod konformi mal-prinċipju ta' separazzjoni. Il-konsistenza ta' deċiżjonijiet dwar drittijiet ta' aċċess u r-reġistrazzjoni adegwata ta' dawk id-deċiżjonijiet għandhom jiġu żgurati.

*Artikolu 6*

**Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali bejn il-funzjonijiet ta' politika**

1. Il-funzjonijiet ta' politika tal-BĊE għandhom jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali fil-forma ta' dejta mhux anonimizzata ta' rapportar komuni (common reporting — COREP) u rapportar finanzjarju (finanzjal reporting — FINREP) ([8]) kif ukoll dejta primarja oħra lill-funzjoni ta' politika rispettiva l-oħra tal-BĊE fuq talba fuq il-bażi tal-ħtieġa ta' għarfien, soġġett għal approvazzjoni mill-Bord Eżekuttiv, ħlief meta l-liġi tal-Unjoni tipprovdi mod ieħor. Il-funzjoni superviżorja tal-BĊE għandha tiżvela informazzjoni kunfidenzjali fil-forma ta' dejta anonimizzata COREP u FINREP lill-funzjoni tal-politika monetarja tal-BĊE fuq talba abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien, ħlief meta l-liġi tal-Unjoni tipprovdi mod ieħor.

2. Il-funzjonijiet ta' politika tal-BĊE ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali li tkun tinkludi valutazzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet ta' politika lill-funzjoni ta' politika rispettiva l-oħra, ħlief fuq talba abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien, u għandu jiġi żgurat li kull funzjoni ta' politika tiġi eżerċitata skont l-objettivi applikabbli, u fejn dak l-iżvelar ikun ġie awtorizzat b'mod espress mill-Bord Eżekuttiv.

Il-funzjonijiet ta' politika tal-BĊE jistgħu jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali aggregata li la tkun tinkludi informazzjoni bankarja individwali u lanqas informazzjoni sensittiva għall-politika relatata mat-tħejjija ta' deċiżjonijiet lill-funzjoni ta' politika rispettiva l-oħra fuq talba abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien, u għandu jiġi żgurat li kull funzjoni ta' politika tiġi eżerċitata skont l-objettivi applikabbli.

3. Analiżi tal-informazzjoni kunfidenzjali riċevuta taħt dan l-Artikolu għandha ssir b'mod awtonomu mill-funzjoni ta' politika li tirċievi skont dan l-objettiv. Kull deċiżjoni sussegwenti għandha tittieħed biss fuq din il-bażi.

*Artikolu 7*

**Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali li jinvolvi dejta personali**

L-iskambju ta' informazzjoni li jinvolvi dejta personali għandu jkun soġġett għal-liġi tal-Unjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

*Artikolu 8*

**Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

Minkejja l-Artikolu 6, f'sitwazzjoni ta' emerġenza kif iddefinita fl-Artikolu 114 tad-Direttiva 2013/36/UE, il-funzjonijiet ta' politika tal-BĊE għandhom jikkomunikaw, mingħajr dewmien, informazzjoni kunfidenzjali lill-funzjoni ta' politika oħra rispettiva tal-BĊE, meta dik l-informazzjoni tkun relevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha fir-rigward tal-emerġenza partikolari li jkollha quddiemha.

([8]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Settembru 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**SILTA MIR-REĠIM TA' KUNFIDENZJALITÀ TAL-BĊE**

Id-dokumenti kollha maħluqa mill-BĊE għandhom jiġu assenjati waħda mill-ħames klassifikazzjonijiet ta' sigurtà mogħtija hawn isfel.

Dokumenti riċevuti mingħand partijiet barra mill-BĊE għandhom jiġu mmaniġġjati skont it-tikketta ta' klassifikazzjoni fuq id-dokument. Jekk dak id-doku ma jkollux tikketta ta' klassifikazzjoni, jew jekk il-klassifikazzjoni tkun ivvalutata mir-riċevitur bħala baxxa wisq, id-dokument għandu jingħata tikketta ġdida, b'livell ta' klassifikazzjoni tal-BĊE adattata indikata b'mod ċar ta' mill-inqas fuq l-ewwel paġna. Il-klassifikazzjoni tista' titniżżel għal livell aktar baxx biss bil-permess bil-miktub tal-organizzazzjoni oriġinanti.

Il-ħames klassifikazzjonijiet ta' sigurtà tal-BĊE bid-drittijiet ta' aċċess tagħhom huma elenkati hawn isfel.

| | |
|---|---|
| ECB-SECRET: | Aċċess fi ħdan il-BĊE huwa llimitat għal dawk bi "ħtieġa ta' għarfien", approvat minn senior manager tal-BĊE tal-qasam ta' negozju oriġinanti, jew superjuri. |
| ECB-CONFIDENTIAL: | Aċċess fi ħdan il-BĊE limitat għal dawk bi "ħtieġa ta' għarfien" li jkun wiesa' biżżejjed biex jippermetti lill-persunal biex jaċċessaw informazzjoni relevanti għall-kompiti tagħhom u li jassumu kompiti mingħand kollegi tagħhom bl-inqas dewmien possibbli. |
| ECB-RESTRICTED: | Jista' jingħata aċċess lill-persunal tal-BĊE u, jekk xieraq, lil persunal tas-SEBĊ b'interess leġittimu. |
| ECB-UNRESTRICTED: | Jista' jingħata aċċess lill-persunal kollu tal-BĊE u, jekk xieraq, lill-persunal tas-SEBĊ. |
| ECB-PUBLIC: | Awtorizzat li jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali. |

**© Il-Bank Ċentrali Ewropew, 2015.**

Indirizz 60640, Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefown +49 69 1344 0
Internet www.ecb.europa.eu

Id-drittijiet kollha huma riservati. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa diment li s-sors jiġi rikonoxxut.

ISBN 978-92-899-2400-9 (online)
DOI 10.2866/25275 (online)
Numru tal-katalogu QB-AE-15-001-MT-N (online)